

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/688****tas-17 ta' Diċembru 2019****li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-  
rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (il-“Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”<sup>(1)</sup>) u, b'mod partikolari, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(5), l-Artikolu 125(2), l-Artikolu 131(1), l-Artikolu 132(2), l-Artikolu 135, l-Artikolu 136(2), l-Artikolu 137(2), l-Artikolu 140, l-Artikolu 144(1), l-Artikolu 146(1), l-Artikolu 147, l-Artikolu 149(4), l-Artikolu 154(1), l-Artikolu 156(1), l-Artikolu 160, l-Artikolu 162(3) u (4), l-Artikolu 163(5)(b) u (c) u l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. Fil-Kapitoli 3-5 tat-Titolu I tal-Parti IV, jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri miżmuma u selvaġġi u l-prodotti ġerminali tagħhom. Ir-Regolament jagħti s-setgħa wkoll lill-Kummissjoni sabiex tadotta regoli li jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament permezz ta' atti delegati. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu adottati dawn ir-regoli sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-qafas legali l-ġdid stabbilit mir-Regolament (UE) 2016/429.
- (2) Ir-regoli u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji stipulati f'dan ir-Regolament huma meħtieġa sabiex jissupplimentaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stipulati fil-Kapitoli 3-5 tat-Titolu I tal-Parti IV tar-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri miżmuma u selvaġġi u ta' bajd għat-tifqis, sabiex jiġi żgurat li daww il-komoditajiet ma jippreżentaw l-ebda riskju sinifikanti ta' tixrid tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 5(1) u fl-Anness II tal-istess Regolament, kif emendat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1629<sup>(2)</sup> u kkategorizzat f'konformità mal-Artikolu 9(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/429 mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882<sup>(3)</sup>. Ir-Regolament (UE) 2016/429 għandu l-għan li jipprovdi qafas regolatorju aktar sempliċi u flessibbli, imqabbel ma' dak li kien japplika qabel l-adozzjoni tiegħu, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura approċċ aktar ibbażat fuq ir-riskji għar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali, kif ukoll titjib fit-tħejjija, il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-annimali. Għandu wkoll l-għan li jiġbor ir-regoli dwar il-mard tal-annimali f'att wieħed, minflok ma jkun mxerrdin f'għadd ta' atti differenti. Ir-regoli stipulati f'dan ir-Regolament dwar ċerti prodotti ġerminali, b'mod partikolari l-bajd għat-tifqis, isegwu l-istess approċċ. Il-kontenut tar-regoli huwa sostanzjalment marbut, minħabba li dawn ir-regoli għandhom japplikaw għall-operaturi kollha li jcaqlqu annimali terrestri miżmuma jew selvaġġi jew bajd għat-tifqis. Fl-interessi tas-sempliċità u tat-trasparenza, kif ukoll sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-regoli u tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni, jenħtieġ li jiġu stipulati f'att wieħed minflok f'għadd ta' atti separati b'referenzi inkrojati.
- (3) L-Artikolu 5(1) u l-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429, kif emendat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1629, jipprovdu l-lista ta' mard tal-annimali ta' rilevanza speċjali għal intervent tal-Unjoni, filwaqt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 jikkategorizzahom abbażi tal-miżuri speċifiċi li għandhom jiġu applikati għalihom u jelenka l-ispeċijiet ta' annimali li għalihom jenħtieġ li japplikaw daww ir-regoli. Il-mard tal-kategorija D huwa meqjus li jippreżenta riskju konsiderevoli ta' tixrid meta l-annimali jiġu mċaqilqa bejn l-Istati Membri.

<sup>(1)</sup> ĠUL 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1629 tal-25 ta' Lulju 2018 li jemenda l-lista ta' mard stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (“il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali”) (ĠUL 272, 31.10.2018, p. 11).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠUL 308, 4.12.2018, p. 21).

- (4) Jeżistu programmi ta' eradikazzjoni għall-eradikazzjoni tal-mard tal-kategorija B jew C. Ir-regoli għal dawn il-programmi huma stipulati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 <sup>(4)</sup>. Dawn il-programmi ta' eradikazzjoni japplikaw għal stabbiliment, żona jew Stat Membru, skont il-marda inkwistjoni, u l-miżuri meħtieġa jinkludu ċerti garanziji tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti tal-annimali. Ir-Regolament Delegat imsemmi hawn fuq jistabbilixxi wkoll ir-regoli għar-rikonossiment tal-Istati Membri u ż-żoni ħielsa mill-mard wara t-tlestija b'suċċess tal-programm ta' eradikazzjoni rispettiv. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi wkoll għal tali garanziji tas-saħħa tal-annimali fir-rigward ta' movimenti ta' annimali lejn Stati Membri jew żoni oħra li jwettqu programmi ta' eradikazzjoni jew li għandhom stat ta' ħelsien mill-mard rikonossut.
- (5) Sabiex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-mard bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali li jikkonċernaw il-mard imsemmi fil-premessi (3) u (4) hawn fuq, l-ispeċijiet tal-annimali elenkati għall-marda rispettiva fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 u l-programmi ta' eradikazzjoni u l-istat ta' ħelsien mill-mard. Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll l-istandards rilevanti rrakkomandati fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE).
- (6) L-Artikolu 125 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi l-miżuri ta' prevenzjoni tal-mard meħtieġa fir-rigward tat-trasport tal-annimali u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi rekwiżiti supplimentari għat-tindif u d-dizinfekzjoni tal-mezzi tat-trasport ta' annimali terrestri miżmuma u miżuri ta' bijosigurtà sabiex jitnaqqas r-riskji possibbli li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tat-trasport tal-annimali fl-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti regoli aktar dettaljati dwar ir-rekwiżiti strutturali għall-mezzi tat-trasport u l-kontenituri u rekwiżiti ta' bijosigurtà aktar dettaljati għall-operazzjonijiet tat-trasport tal-annimali, kif ukoll li jiġu previsti ċerti eżenzjonijiet. Japplikaw ukoll regoli simili għall-operaturi involuti fit-trasport ta' ċerti prodotti ġerminali, b'mod partikolari bajd għat-tifqis tal-pollam u għasafar miżmuma, u dawn ir-regoli jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll f'dan ir-Regolament abbażi tal-Artikolu 157(3) tar-Regolament (UE) 2016/429.
- (7) Ġew stabbiliti rekwiżiti għat-tindif u d-dizinfekzjoni tal-mezzi tat-trasport u miżuri ta' bijosigurtà biex jiġu mmitigati r-riskji possibbli li jirriżultaw minn ċerti operazzjonijiet tat-trasport tal-annimali fir-regoli li kienu japplikaw qabel ir-Regolament (UE) 2016/429, b'mod partikolari d-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE <sup>(5)</sup>, 91/68/KEE <sup>(6)</sup>, 2009/156/KE <sup>(7)</sup> u 2009/158/KE <sup>(8)</sup> għal operazzjonijiet tat-trasport ta' annimali bovini, porċini, ovini, kaprini u ekwini, pollam u bajd għat-tifqis. Dawk ir-rekwiżiti wrew li huma effettivi fil-prevenzjoni tar-riskju tat-tixrid ta' mard tal-annimali fl-Unjoni permezz tal-operazzjonijiet tat-trasport. Għalhekk, huwa xieraq li tinżamm is-sustanza ta' dawk ir-rekwiżiti u li dawn jiġu adattati għall-operazzjonijiet tat-trasport tal-annimali terrestri miżmuma kollha u tal-bajd għat-tifqis.
- (8) L-Artikolu 132(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jesiġi li l-Kummissjoni tiddetermina perjodu ta' żmien massimu li matulu l-operatur ta' biċċerija li tirċievi unġulati u pollam miżmuma għall-iskarnar minn Stat Membru ieħor jenħtieġ li jiżgura li dawk l-annimali jiġu skarnati. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi perjodu ta' żmien massimu bħal dan li fih jenħtieġ li l-annimali jiġu skarnati, sabiex jiġi żgurat li l-istat tas-saħħa tal-annimali ma jikkompromettix l-istat tas-saħħa tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni. Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi wkoll regoli għall-moviment ta' konsenji ta' unġulati suxxettibbli għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), li jista' jkollhom riskju speċifiku ta' tixrid minħabba t-trażmissjoni tal-marda li tinġarr minn vettur. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-iskarnar ta' dawk l-annimali.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli għas-sorveljanza, il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (Ara paġna 211 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(5)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità (ĠU L 121, 29.7.1964, p. 1977).

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż (ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KEE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1).

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KEE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejtem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tifqis minn pajjiżi terzi (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74).

- (9) Fir-rigward tal-movimenti lejn Stati Membri oħrajn ta' unġulati u pollam miżmuma, l-Artikolu 131(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi regoli dwar il-perjodi ta' residenza, il-perjodu ta' żmien meħtieġ sabiex tiġi llimitata l-introduzzjoni tal-unġulati jew tal-pollam miżmuma fl-istabbilimenti qabel il-moviment, kif ukoll rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' tixrid tal-mard elenkat kif imsemmi fl-Artikolu 9(1)(d) tiegħu. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri xierqa f'dan ir-Regolament sabiex tiġi ssalvagwardjata s-saħħa tal-annimali u jiġi evitat it-tixrid tal-mard permezz tal-movimenti ta' unġulati, pollam u għasafar miżmuma. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jqisu r-regoli li kienu japplikaw qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429. Tali regoli għall-unġulati, il-pollam u l-għasafar miżmuma ġew stipulati fid-Direttivi tal-Kunsill 64/432/KEE, 91/68/KEE u 2009/158/KE, 2009/156/KE u, parzjalment, 92/65/KEE<sup>(9)</sup>. Fejn rilevanti, dawk ir-regoli jenħtieġ li jintroduċu rekwiżiti ġodda jew differenti, b'mod partikolari sabiex jitqiesu l-istandards jew l-iżviluppi xjentifiċi ġodda jew il-lista ta' mard prevista fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u r-Regolament Delegat (UE) 2018/1629 u l-kategorizzazzjoni tal-mard soġġetta għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882.
- (10) Bl-istess mod, l-Artikoli 160(2) u 164(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati li jistabbilixxu rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għal movimenti lejn Stati Membri oħrajn ta' prodotti ġerminali ta' pollam u għasafar miżmuma, jiġifieri bajd għat-tifqis. Għalhekk, dan ir-Regolament irid jipprevedi wkoll għal dawk ir-regoli.
- (11) Bħala linja bażi, il-movimenti ta' annimali terrestri lejn Stat Membru ieħor jenħtieġ li jsiru mill-istabbiliment tal-oriġini direttament lejn il-post tad-destinazzjoni f'dak l-Istat Membru. Madankollu, b'deroga, dan il-moviment jista' jiġi interrott u l-annimali jistgħu jgħaddu minn operazzjonijiet ta' assemblaġġ. Dawn l-operazzjonijiet jirrappreżentaw riskju speċifiku għat-tixrid tal-mard tal-annimali. L-Artikolu 135 tar-Regolament (UE) 2016/429 jesiġi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jistabbilixxu regoli li jissupplimentaw dawk previsti fl-Artikoli 133 u 134 tiegħu għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward tal-unġulati u l-pollam miżmuma, meta dawk l-annimali jkunu qegħdin jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti bħal dawn f'dan ir-Regolament.
- (12) Skont ir-regoli applikabbli qabel ir-Regolament (UE) 2016/429, stabbiliti fid-Direttivi 64/432/KEE, 91/68/KEE u 2009/156/KE, xi konsenji ta' unġulati ma ġewx imċaqilqa direttament minn stabbiliment tal-oriġini għal stabbiliment tad-destinazzjoni. In-negozjanti, iċ-ċentri tal-assemblaġġ u ċ-ċentri ta' raggruppament rragruppaw l-annimali tal-istess stat ta' saħħa, li waslu f'konsenji minn stabbilimenti differenti, sabiex jintbagħtu lejn id-destinazzjonijiet rispettivi tagħhom. Ir-regoli stipulati f'dawk id-Direttivi wrew li huma effettivi fil-prevenzjoni tat-tixrid ta' mard trażmissibbli tal-annimali fl-Unjoni. Għaldaqstant, is-sustanza prinċipali ta' dawk ir-regoli jenħtieġ li tinżamm, iżda jenħtieġ li tiġi aġġornata sabiex tqis l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom u l-għarfien xjentifiku attwali. Jenħtieġ li jittieħed kont tal-Artikolu 133 tar-Regolament (UE) 2016/429, li jipprevedi li l-operaturi jistgħu jissoġġettaw lill-unġulati u lill-pollam miżmuma għal massimu ta' tliet operazzjonijiet tal-assemblaġġ matul moviment minn Stat Membru tal-oriġini lejn Stat Membru ieħor.
- (13) Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi prevista deroga mir-regoli dwar l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ skont l-Artikolu 140(b) tar-Regolament (UE) 2016/429 għall-unġulati li jipparteċipaw f'wirjiet u avvenimenti sportivi, kulturali u simili, billi l-miżuri alternattivi ta' mitigazzjoni tar-riskji fis-seħħ inaqqsu r-riskju li joħlqu dawk l-operazzjonijiet f'termini tat-tixrid tal-mard elenkat. Dawn id-derogi huma previsti f'dan ir-Regolament.
- (14) L-Artikolu 136(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi regoli dettaljati għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' ċerti annimali terrestri miżmuma minbarra unġulati u pollam.
- (15) Qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, ir-regoli tal-Unjoni għall-moviment bejn l-Istati Membri ta' ċerti annimali terrestri miżmuma, inklużi primati, għasafar miżmuma, naħal tal-għasel u naħal bagħli, klieb, qtates u inmsa ġew stipulati fid-Direttiva 92/65/KEE. Dawk ir-regoli wrew li huma effettivi sabiex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-mard elenkat bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, is-sustanza prinċipali ta' dawk ir-regoli jenħtieġ li tinżamm f'dan ir-Regolament, iżda jenħtieġ li tiġi aġġornata sabiex tqis l-esperjenza Prattika miksuba fl-applikazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi possibbiltajiet għal derogi f'każijiet fejn jiġu implimentati miżuri alternattivi ta' mitigazzjoni tar-riskji.
- (16) L-Artikolu 3(5) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi r-regoli li jiżguraw li l-Parti IV tiegħu tiġi applikata b'mod korrett għall-movimenti ta' annimali domestiċi, għajr il-movimenti mhux kummerċjali. Għalhekk, dan ir-Regolament irid jipprevedi ċerti regoli bħal dawn.

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) tad-Direttiva 90/425/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).

- (17) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 jelenka l-ispeċijiet ta' karnivori li jippreżentaw riskju konsiderevoli ta' tixrid ta' *Echinococcus multilocularis* u tal-virus tar-rabja meta jiġu mċaqilqa bejn l-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprovduti rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali għal karnivori oħrajn sabiex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid ta' dak il-mard bejn l-Istati Membri.
- (18) L-Artikolu 137(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi regoli dettaljati minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 137(1) tiegħu għal movimenti ta' annimali terrestri miżmuma fi stabbilimenti konfinati u għal movimenti ta' annimali terrestri miżmuma f'dawk l-istabbilimenti konfinati, fejn ikunu fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju biex jiggarantixxu li dawn il-movimenti ma johlqux riskju sinifikanti għas-saħħa tal-annimali terrestri miżmuma fi ħdan dak l-istabbiliment konfinat u fl-istabbilimenti tal-madwar.
- (19) Qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, fid-Direttiva 92/65/KEE ġew stabbiliti regoli tal-Unjoni għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma f'korpi, istituti jew ċentri approvati. L-Artikoli 95 u 137 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxu l-kunċett ta' "stabbiliment konfinat", li jikkorrespondi għal "korp, istitut jew ċentru approvat" kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Direttiva 92/65/KEE. Għaldaqstant, is-sustanza prinċipali ta' dawk ir-regoli preċedenti jenħtieġ li tinżamm, iżda jenħtieġ li tiġi aġġornata sabiex tqis l-esperjenza Prattika miksuba fl-applikazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li jittieħed kont ukoll tal-istandards rilevanti rakkomandati għall-primati fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE.
- (20) L-Artikolu 138(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi regoli għall-għoti ta' derogi mill-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni, li jissupplimentaw dawk imsemmija fl-Artikolu 138(1) u 138(2) tiegħu fir-rigward tal-moviment tal-annimali terrestri miżmuma għal skopijiet xjentifiċi. Qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, id-Direttiva 92/65/KEE pprevediet li l-klieb, il-qtates u l-inmsa li għandhom jiġu mċaqilqa għal skopijiet xjentifiċi lejn Stat Membru ieħor ma għandhomx bżonn jiġu mlaqqmin kontra r-rabja u li l-klieb ma hemmx bżonn li jkunu ngħataw trattament kontra infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* meta dawn l-annimali jkunu destinati għal korpi, istituti jew ċentri approvati. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi deroga simili.
- (21) L-Artikolu 140(a) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi li jissupplimentaw ir-regoli stipulati fl-Artikoli 126 sa 136 tiegħu għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma maħsuba għal ċirkli, wirjiet u avvenimenti sportivi.
- (22) Qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, ir-regoli tal-Unjoni għall-movimenti tal-annimali terrestri miżmuma fiċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali kienu stipulati, abbażi tad-Direttiva 92/65/KEE, fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1739/2005 <sup>(10)</sup> imħassar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 <sup>(11)</sup> mill-21 ta' April 2021. Minħabba li dawk l-annimali bħalissa qegħdin jiġu mċaqilqa għal Stati Membri oħrajn mingħajr ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ta' akkumpanjament meta ċ-ċirkli jew il-wirja tal-annimali li għalihom jappartjenu jivvjaġġaw, ir-Regolament preżenti jenħtieġ li jżomm il-possibiltà ta' tali movimenti fi ħdan l-Unjoni. Għalhekk, huwa xieraq li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti lejn Stati Membri oħrajn tal-annimali terrestri miżmuma fiċ-ċirkli jew fil-wirjiet tal-annimali itineranti u li tiġi prevista deroga mir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali kif previst fl-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.
- (23) Qabel l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429, ġew stabbiliti fid-Direttiva 92/65/KEE u f'atti oħrajn regoli tal-Unjoni għall-movimenti ta' għasafar miżmuma maħsuba għall-wiri fi Stat Membru ieħor.
- (24) Sabiex jiġi evitat ir-riskju tat-tixrid tal-mard elenkat rilevanti għall-movimenti tal-għasafar miżmuma bejn l-Istati Membri, huwa xieraq li f'dan ir-Regolament jinżammu r-regoli tal-Unjoni għall-movimenti tal-għasafar miżmuma maħsuba għall-wiri fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi għall-għasafar tal-priża li jattendu wirjiet tal-kaċċa waqt it-titjir fi Stat Membru ieħor u għall-ħamim tat-tiġrija li għandhom jiġu mċaqilqa għal avvenimenti sportivi fi Stati Membri oħrajn.

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1739/2005 tal-21 ta' Ottubru 2005 li jstipula r-rekwiżiti dwar is-saħħa tal-annimali għall-moviment tal-annimali taċ-ċirkli bejn l-Istati Membri (ĠUL 279, 22.10.2005, p. 47).

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2035 tat-28 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-regoli għall-istabbilimenti li jżommu l-annimali terrestri u l-imfaqas, u t-traċċabbiltà ta' ċerti annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis (ĠUL 314, 5.12.2019, p. 115).

- (25) L-Artikolu 144(1)(a) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tagħti derogi mir-ekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali, previsti fl-Artikolu 143(1) tiegħu, għall-annimali terrestri miżmuma mċaqilqa bejn l-Istati Membri.
- (26) Bħalissa, f'konformità mar-regoli stipulati fid-Direttiva 2009/156/KE, l-annimali ekwini rreġistrati jistgħu jiġu mċaqilqa mingħajr ċertifikat tas-saħħa tal-annimali ta' akkumpanjament bejn l-Istati Membri li, fuq bażi reċiproka, implimentaw sistema ta' kontroll alternattiva li tipprovi garanzji tas-saħħa tal-annimali rilevanti ekwivalenti għal dawk stipulati fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi deroga simili. Madankollu, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċjali għall-moviment ta' dawk l-annimali, inkluż il-kunsens tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.
- (27) L-Artikolu 144(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi r-ekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti lejn Stati Membri oħrajn ta' annimali terrestri miżmuma minbarra unġulati, pollam u annimali maħsuba għal stabbilimenti konfinati f'każijiet fejn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jkun imperattiv sabiex jiġi żgurat li l-moviment inkwistjoni jkun konformi mar-ekwiżiti tas-saħħa tal-annimali previsti fl-Artikoli 124 sa 142 tar-Regolament (UE) 2016/429. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-ekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali li jippermettu l-movimenti lejn Stati Membri oħrajn ta' konsenji ta' għasafar miżmuma, naħal tal-għasel, naħal bagħli (għajr naħal bagħli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ta' naħal bagħli ambjentalment iżolati approvati), primati, klieb, qtates, inmsa u karnivori oħrajn.
- (28) L-Artikolu 164(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali u ta' notifika għal movimenti lejn Stati Membri oħrajn ta' prodotti ġerminali ta'annimali terrestri miżmuma minbarra annimali bovini, ovini, kaprini, porċini u ekwini u prodotti ġerminali tal-pollam. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali li jippermettu movimenti lejn Stati Membri oħra ta' konsenji ta' bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma.
- (29) Il-movimenti lejn Stati Membri oħrajn ta' karnivori oħrajn minbarra klieb, qtates u inmsa jenħtieġ li jkunu permessi wkoll f'każijiet fejn ma jkun hemm ebda vaċċin awtorizzat kontra r-rabja għal dawk il-karnivori fl-Istat Membru tal-orijini u meta t-tilqim jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(12)</sup> li tipprevedi l-użu tal-prodotti mediċinali barra mit-termeni tal-awtorizzazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni.
- (30) L-Artikolu 146(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jesiġi li l-Kummissjoni tistabbilixxi regoli dettaljati u informazzjoni addizzjonali dwar il-kontenut taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għal speċijiet u kategoriji differenti ta' annimali terrestri miżmuma u għal tipi speċifiċi ta' movimenti. L-Artikolu 162(3) tal-istess Regolament jesiġi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati dwar l-informazzjoni li għandu jkun hemm fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti bejn l-Istati Membri tal-bajd għat-tifqis, filwaqt li titqies l-informazzjoni minima li trid tiġi inkluża f'dak iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali skont l-Artikolu 162(1). Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit il-kontenut taċ-ċertifikati li għandhom jakkumpanjaw il-konsenji ta' annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis meta dawk il-konsenji jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor.
- (31) L-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati dwar miżuri speċifiċi li jidderogaw minn, jew li jissupplimentaw, l-obbligu tal-operaturi li jiżguraw li l-annimali jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għat-tipi partikolari ta' movimenti tal-annimali terrestri miżmuma. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' unġulati u ta' pollam minn ġo stabbilimenti li jwettqu operazzjonijiet ta' assemblaġġ previsti fl-Artikolu 133 tar-Regolament (UE) 2016/429 qabel ma jaslu fil-post tad-destinazzjoni finali tagħhom.
- (32) Sabiex jiġi żgurat li l-annimali terrestri miżmuma ċertifikati għall-esportazzjoni lejn pajjiż terz u li jkunu ttrasportati minn ġo Stat Membru ieħor sal-fruntiera esterna tal-Unjoni jissodisfaw ir-ekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-moviment fl-Unjoni, l-operaturi jenħtieġ li jiżguraw li l-konsenji ta' dawk l-annimali jkunu akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li jipprovi attestazzjonijiet li jkunu mill-inqas stretti daqs dawk meħtieġa għall-moviment tal-unġulati jew tal-pollam miżmuma maħsuba għall-iskarnar fl-Istat Membru fejn jinsab il-punt tal-ħruġ.

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠUL 311, 28.11.2001, p. 1).

- (33) L-Artikolu 149(4) tar-Regolament (UE) 2016/429 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati li jistabbilixxu regoli dwar il-kontrolli dokumentarji, tal-identità u fiżiċi u l-eżamijiet li għandhom jitwettqu mill-veterinarju uffiċjali fir-rigward tal-ispeċijiet u l-kategoriji differenti ta' annimali terrestri miżmuma sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali. B'kunsiderazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jestendi għall-bajd għat-tifqis, dan ir-Regolament jeħtieġ għalhekk li japplika din id-dispożizzjoni billi jistabbilixxi r-regoli meħtieġa għal dan l-iskop, inklużi l-perjodi ta' żmien għat-twettiq ta' dawn il-kontrolli u l-eżamijiet u għall-ħruġ taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali mill-veterinarju uffiċjali qabel il-moviment tal-konsenji tal-annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis, kif ukoll id-durata tal-validità taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, inklużi l-kundizzjonijiet għall-estensjoni tiegħu.
- (34) L-Artikoli 152, 153 u 163 tar-Regolament (UE) 2016/429 jesigū li l-operaturi jinfurmaw lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-orijini tagħhom bil-quddiem dwar il-moviment maħsub lejn Stat Membru ieħor tal-annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis, kif ukoll jipprovdū l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tinnotifika l-moviment tal-annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar ir-rekwiżiti għan-notifika bil-quddiem mill-operaturi, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu nnotifikati tali movimenti u l-proċeduri ta' emerġenza għal tali notifiki.
- (35) L-Artikoli 153(2) u (4), 154(1)(c) u 163(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedu l-użu tas-sistema 'Traces' għall-finijiet ta' notifika meta l-konsenji ta' annimali terrestri miżmuma u tal-bajd għat-tifqis ikunu maħsuba sabiex jiġu mċaqilqa lejn Stati Membri oħrajn. Traces hija s-sistema kompjuterizzata veterinarja integrata kif prevista fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2003/24/KE <sup>(13)</sup> u 2004/292/KE <sup>(14)</sup>. Billi l-Artikolu 131 tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(15)</sup> jipprevedi l-istabbiliment ta' sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (IMSOC), li ser tinkorpora l-funzjonalitajiet tas-sistema Traces, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirreferi għall-IMSOC minflok għal Traces.
- (36) L-Artikolu 155 tar-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-moviment ta' annimali terrestri selvaġġi minn habitat fi Stat Membru wieħed għal habitat jew stabbiliment fi Stat Membru ieħor. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali u tan-notifika għal tali movimenti f'konformità mas-setgħat stipulati fl-Artikolu 156(1) tar-Regolament (UE) 2016/429.
- (37) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika mill-21 ta' April 2021 f'konformità mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## PARTI I

### REGOLI ĠENERALI

#### Artikolu 1

#### Suġġett

Dan ir-Regolament jissupplimenta r-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard tal-annimali trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin stipulati fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tal-movimenti fl-Unjoni ta' annimali terrestri miżmuma, ta' annimali terrestri selvaġġi u ta' bajd għat-tifqis.

<sup>(13)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/24/KE tat-30 ta' Diċembru 2002 li tirrigwarda l-iżvilupp ta' sistema veterinarja integrata u kompjuterizzata (ĠUL 8, 14.1.2003, p. 44).

<sup>(14)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE (ĠUL 94, 31.3.2004, p. 63).

<sup>(15)</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1).

## Artikolu 2

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-:
  - (a) l-annimali terrestri miżmuma u selvaġġi u l-bajd għat-tifqis;
  - (b) l-istabbilimenti fejn daww l-annimali u l-bajd għat-tifqis jinżammu jew jgħaddu minn operazzjonijiet ta' assemblaġġ;
  - (c) l-operaturi li jżommu daww l-annimali u dak il-bajd għat-tifqis;
  - (d) l-operaturi li jittrasportaw annimali terrestri u bajd għat-tifqis;
  - (e) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.
  
2. Il-Parti II għandha tapplika għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma u bajd għat-tifqis biss meta jseħħu bejn l-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 4 sa 6 u l-Artikolu 63, li għandhom japplikaw ukoll għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma u bajd għat-tifqis fi Stat Membru.

## Artikolu 3

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "mezz tat-trasport" tfisser vettura tat-triq jew vettura ferrovjarja, bastimenti u inġenji tal-ajru;
- (2) "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura riġida oħra użata għat-trasport tal-annimali jew tal-bajd, li mhumiex il-mezz tat-trasport;
- (3) "stabbiliment ta' produzzjoni iżolati ambjentalment" tfisser stabbiliment li l-istrutturi tiegħu kif ukoll il-miżuri stretti ta' bijosigurtà, jiżguraw iżolament effettiv tal-produzzjoni tal-annimali mill-faċilitajiet assoċjati miegħu u mill-ambjent;
- (4) "animal bovin" tfisser animal tal-ispeċijiet ta' unġulati li jappartjenu għall-ġeneri *Bison*, *Bos* (inklużi s-subġeneri *Bos*, *Bibos*, *Novibos*, *Poephagus*) u *Bubalus* (inkluż is-subġeneru *Anoa*) u l-frieħ tal-inkroċjar tar-razez ta' daww l-ispeċijiet;
- (5) "stabbiliment ħieles mill-'mard'" tfisser stabbiliment mogħti l-istat tal-ħelsien mill-mard f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
- (6) "stat ta' ħelsien mill-mard" tfisser stat ta' ħelsien mill-mard ta' Stat Membru jew żona tiegħu kif approvat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (7) "il-marda" ma ġietx irrapportata" tfisser li l-ebda animal jew grupp ta' annimali tal-ispeċijiet rilevanti miżmuma fl-istabbiliment ma kien ikklassifikat bħala każ ikkonfermat ta' dik il-marda u kwalunkwe każ suspettat ta' dik il-marda jkun ġie eskluż;
- (8) "'annimali' maħsuba għall-iskarnar" tfisser l-annimali terrestri miżmuma li għandhom jiġu ttrasportati, direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ, lejn biċċerija;
- (9) "stabbiliment ta' kwarantina approvat" tfisser stabbiliment mogħti l-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;
- (10) "programm ta' eradikazzjoni approvat" tfisser programm għall-eradikazzjoni ta' marda implimentat fi Stat Membru jew f'żona tiegħu, kif approvat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 31(3) tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (11) "animal ovin" tfisser animal tal-ispeċi tal-ungulati li tappartjeni għall-ġeneru *Ovis* u l-frieħ tal-inkroċjar tar-razez ta' daww l-ispeċijiet;
- (12) "animal kaprin" tfisser animal tal-ispeċi tal-ungulati li tappartjeni għall-ġeneru *Capra* u l-frieħ tal-inkroċjar tar-razez ta' daww l-ispeċijiet;
- (13) "animal porċin" tfisser animal tal-ispeċi tal-ungulati li tappartjeni għall-familja *Suidae* elenkata fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/429;

- (14) “animal ekwin” tfisser animal tal-ispeċi tas-solipedi li tappartjeni għall-ġeneru *Equus* (inklużi żwiemel, ħmir u żebri) u l-frieħ tal-inkroċjar tar-razez ta’ dawk l-ispeċijiet;
- (15) “animal kamelid” tfisser animal tal-ispeċi ta’ unġulati li tappartjeni għall-familja *Camelidae* elenkata fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/429;
- (16) “animal ċervid” tfisser animal tal-ispeċi ta’ unġulati li tappartjeni għall-familja *Cervidae* elenkata fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/429;
- (17) “unġulati miżmuma oħrajn” tfisser unġulati miżmuma minbarra animali bovini, ovini, kaprini, porċini, ekwini, kamelidi u ċervidi;
- (18) “stabbiliment protett mill-vetturi” tfisser parti mill-faċilitajiet jew il-faċilitajiet kollha ta’ stabbiliment li huma protetti kontra attakki minn *Culicoides* b’mezzi fiżiċi u ta’ ġestjoni xierqa, bl-istat ta’ stabbiliment protett mill-vetturi mogħti mill-awtorità kompetenti f’konformità mal-Artikolu 44 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.
- (19) “perjodu ħieles mill-vetturi” tfisser, f’żona definita, il-perjodu ta’ inattività ta’ *Culicoides* iddeterminat f’konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.
- (20) “tjur tat-tnissil” tfisser tjur li għandhom 72 siegħa jew aktar, li jkunu maħsuba għall-produzzjoni tal-bajd għat-tifqis;
- (21) “pollam produttiv” tfisser pollam li għandu 72 siegħa jew aktar, imrobbi għall-produzzjoni tal-laħam, tal-bajd għall-konsum jew ta’ prodotti oħrajn, jew inkella għar-ripopolazzjoni tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa;
- (22) “qatgħa” tfisser it-tjur u l-għasafar miżmuma kollha tal-istess status ta’ saħħa li jinżammu fl-istess bini jew fl-istess spazju magħluq u li jikkostitwixxu unità epidemjoloġika waħda; il-pollam miżmum f’bini, dan jinkludi l-għasafar kollha li jikkondividu l-istess spazju tal-arja;
- (23) “flieles ta’ ġurnata” tfisser it-tjur kollu li għandu inqas minn 72 siegħa;
- (24) “bajd ħieles minn patoġeni speċifikati” tfisser bajd għat-tifqis derivat minn “qatgħat tat-tiġieġ ħielsa minn patoġeni speċifikati”, kif deskritt fil-Farmakopea Ewropea <sup>(16)</sup> u li huwa maħsub biss għal użu dijanjostiku, farmaċewtiku jew ta’ riċerka;
- (25) “animal ekwin irreġistrat” tfisser:
- animal tat-tnissil ta’ razza pura tal-ispeċi *Equus caballus* jew *Equus asinus* imdaħħal jew eliġibbli għad-dħul fit-taqsima prinċipali ta’ regjistru tat-tnissil stabbilit minn soċjetà tat-tnissil jew minn korp tat-tnissil rikonoxxuti skont l-Artikoli 4 jew 34 tar-Regolament (UE) 2016/1012;
  - animal miżmum tal-ispeċi *Equus caballus* irreġistrat ma’ assoċjazzjoni jew organizzazzjoni internazzjonali, jew direttament jew permezz tal-federazzjoni jew il-fergħat nazzjonali tagħha, li tamministra ż-żwiemel għall-kompetizzjoni jew għat-tlielaq (“żwiemel irreġistrat”);
- (26) “primati” tfisser animali tal-ispeċi tal-ordni tal-Primati minbarra l-bnedmin;
- (27) “naħal tal-għasel” tfisser animal tal-ispeċi *Apis mellifera*;
- (28) “naħal baġħli” tfisser animal tal-ispeċi tal-ġeneru *Bombus*;
- (29) “kelb” tfisser animal miżmum tal-ispeċi *Canis lupus*;
- (30) “qattus” tfisser animal miżmum tal-ispeċi *Felis silvestris*;
- (31) “nemes” tfisser animal miżmum tal-ispeċi *Mustela putorius furo*;
- (32) “karnivori oħrajn” tfisser animali tal-ispeċijiet li jappartjenu għall-ordni Carnivora, minbarra klieb, qtates u inmsa;
- (33) “ċirku li jivvjaġġa” tfisser eżibizzjoni jew fiera li tinkludi l-animali jew il-wirjiet tal-animali u li hija maħsuba biex tivvjaġġa minn Stat Membru għall-ieħor;
- (34) “wirja tal-animali” tfisser kwalunkwe att li jieħdu sehem fih l-animali miżmuma għall-iskop ta’ wirja jew fiera, u li jiista’ jkun parti minn ċirklu;
- (35) “ħamiem tat-tiġrija” tfisser kwalunkwe ħamiema ttrasportata jew maħsuba għat-trasport mill-gallinar tagħha lejn Stat Membru ieħor bl-għan li tinħeles sabiex ittira lura lejn l-Istat Membru tal-orġini;

<sup>(16)</sup> <http://www.edqm.eu> (l-aktar edizzjoni riċenti)



## PARTI II

## MOVIMENTI FL-UNJONI TA' ANIMALI TERRESTRI MIŻMUMA U BAJD GĦAT-TIFQIS

## KAPITOLU 1

**Rekwiżiti ġenerali għall-movimenti ta' animali terrestri miżmuma u bajd għat-tifqis fl-Unjoni**

## Taqsim 1

**Miżuri ta' prevenzjoni tal-mard fir-rigward tat-trasport fl-Unjoni minbarra dawk previsti fir-Regolament (UE) 2016/429**

## Artikolu 4

**Rekwiżiti ġenerali rigward il-mezzi tat-trasport**

L-operaturi, inklużi t-trasportaturi, għandhom jiżguraw li l-mezzi tat-trasport użati għat-trasportazzjoni ta' animali terrestri miżmuma jew bajd għat-tifqis, bl-eċċezzjoni tal-mezzi tat-trasport għall-animali terrestri msemmija fl-Artikolu 6:

- (a) jinbnew b'tali mod li
  - (i) l-animali jew il-bajd għat-tifqis ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
  - (ii) tkun tista' ssir spezzjoni viżiva tal-ispazju fejn jinżammu l-animali;
  - (iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ tal-eskrementi, tal-imfierex jew tal-ġhalf tal-animali;
  - (iv) fil-każ tal-pollam u tal-għasafar miżmuma, jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ tar-rix;
- (b) jitnaddfu u jiġu diżinfettati malajr kemm jista' jkun wara kull trasport ta' animali, bajd għat-tifqis jew kwalunkwe oġġett li jirrappreżenta riskju għas-saħħa tal-animali u, jekk ikun meħtieġ, jitnaddfu u jiġu diżinfettati mill-ġdid u, fi kwalunkwe każ, jitnixxfu jew jitħallew jinxfu qabel kwalunkwe tagħbija ġdida ta' animali jew bajd għat-tifqis.

## Artikolu 5

**Rekwiżiti rigward il-kontenituri li fihom jiġu ttrasportati l-animali terrestri miżmuma u l-bajd għat-tifqis**

1. L-operaturi, inklużi t-trasportaturi, għandhom jiżguraw li l-kontenituri li fihom jiġu ttrasportati l-animali terrestri miżmuma u l-bajd għat-tifqis, bl-eċċezzjoni tal-kontenituri għall-animali terrestri msemmija fl-Artikolu 6:

- (a) ikunu konformi mar-rekwiżiti fl-Artikolu 4(a);
- (b) ikun fihom biss animali jew bajd għat-tifqis tal-istess speċi, kategorija u tip, bl-istess stat ta' saħħa;
- (c) huma:
  - (i) kontenituri mhux użati u mhux riutilizzabbli ddisinjati għal skop speċifiku li jinqerdu wara l-ewwel użu; jew
  - (ii) jitnaddfu u jiġu diżinfettati wara li jintużaw u jitnixxfu jew jitħallew jinxfu qabel kwalunkwe użu sussegwenti.

2. Fil-każ tal-pollam u tal-bajd għat-tifqis, l-operaturi, inklużi t-trasportaturi, għandhom jiżguraw li l-kontenituri li fihom jiġu ttrasportati l-pollam miżmum u l-bajd għat-tifqis fuq il-mezzi tat-trasport ikollhom l-indikazzjonijiet li ġejjin:

- (a) għall-flieles ta' jum u l-bajd għat-tifqis:
  - (i) l-isem tal-Istat Membru tal-orijini;
  - (ii) in-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment tal-orijini;

- (iii) l-ispeċi ta' pollam ikkonċernata;
  - (iv) l-ġhadd ta' animali jew tal-bajd għat-tifqis.
- (b) għall-pollam tat-tniissil u l-pollam produttiv, in-numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-istabbiliment tal-oriġini.
3. Fil-każ tal-irġeġjen tan-naħal tal-għasel ittrasportati taħt id-deroga fl-Artikolu 49, l-operaturi, inklużi t-trasportaturi, għandhom jiżguraw li l-kontenituri jew il-konsenja kollha titgħatta b'malja fina ta' mhux aktar minn 2 mm fid-daqs tal-pori minnufih wara l-eżami viżiv għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa mill-veterinarju uffiċjali.

4. Fil-każ tan-naħal bagħli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati għan-naħal bagħli, l-operaturi, inklużi t-trasportaturi, għandhom jiżguraw li, matul it-trasport, dawn ikunu iżolati f'unitajiet epidemjoloġiċi separati b' kull kolonja f'kontenitur magħluq li kien ġdid jew imnaddaf u ddiżinfettat qabel l-użu.

#### Artikolu 6

### **Eżenzjonijiet mir-rekwiżiti rigward il-mezzi tat-trasport u l-kontenituri li fihom jiġu ttrasportati l-animali terrestri miżmuma u l-bajd għat-tifqis**

1. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 ma għandhomx japplikaw għat-trasport ta':
- (a) l-animali terrestri miżmuma fiċ-ċirkli u l-wirjiet tal-animali itineranti;
  - (b) l-animali tal-ispeċijiet elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/429 f'numri li jaqbzū daww awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 246(1) u (2) ta' dak ir-Regolament, jekk jiġu ttrasportati għal skopijiet mhux kummerċjali;
  - (c) l-animali tal-ispeċijiet elenkati fil-Parti B tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/429 ittrasportati għal skopijiet mhux kummerċjali f'numri li jaqbzū daww stabbiliti għal daww l-ispeċijiet, fejn ir-regoli li jiffissaw in-numru massimu ta' animali domestiċi tal-ispeċijiet ikkonċernati ġew adottati f'konformità mal-Artikolu 246(3).
2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(b) u fl-Artikolu 5(1)(b) u (c) ma għandhomx japplikaw għat-trasport ta' animali ekwini fi ħdan Stat Membru, sakemm daww l-animali ekwini ma jkunux maħsuba għall-iskarnar.
3. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(b) ma għandhomx japplikaw għat-trasport:
- (a) fi ħdan stabbiliment meta
    - (i) l-animali ttrasportati jinżammu fl-istabbiliment u t-trasport jitwettaq mill-operatur ta' dak l-istabbiliment;kif ukoll
    - (ii) il-mezzi tat-trasport użati għat-trasportazzjoni tal-animali terrestri miżmuma jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati qabel it-tluq tagħhom mill-istabbiliment;
- jew
- (b) bejn l-istabbilimenti fl-Istat Membru meta
    - (i) l-istabbilimenti jkunu jappartjenu għall-istess katina tal-provvista;kif ukoll
    - (ii) il-mezzi tat-trasport użati għat-trasportazzjoni tal-animali terrestri miżmuma jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati qabel it-tmiem ta' kull ġurnata jekk l-animali jkunu ġew ittrasportati f'dawn il-mezzi ta' trasport.
4. Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5(1) u (2) ma għandhomx japplikaw għat-trasport ta' naħal tal-għasel u naħal bagħli.

## Taqsimha 2

**Rekwiżiti supplimentari għall-movimenti ta' annimali terrestri lejn Stati Membri oħrajn fir-rigward tat-tilqim**

## Artikolu 7

**Rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali terrestri u bajd għat-tifqis lejn Stat Membru ieħor fir-rigward tat-tilqim kontra marda tal-kategorija A**

F'każ li l-Istat Membru tal-orijini jkun introduċa t-tilqim kontra marda tal-kategorija A, l-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali terrestri jew il-bajd għat-tifqis lejn Stat Membru ieħor meta daww l-annimali u l-bajd għat-tifqis jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati f'konformità mal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 2016/429 għall-marda tal-kategorija A rilevanti u l-annimali tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda.

## Taqsimha 3

**Rekwiżiti addizzjonali għall-operaturi ta' biċċeriji li jirċievu annimali terrestri miżmuma minn Stati Membri oħrajn**

## Artikolu 8

**Perjodu ta' żmien massimu li fih għandhom jiġu skarnati l-ungulati u l-pollam miżmuma minn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi tal-biċċeriji għandhom jiżguraw li l-ungulati u l-pollam miżmuma li jaslu minn Stat Membru ieħor jiġu skarnati sa mhux aktar tard minn 72 siegħa mill-wasla tagħhom fil-biċċerija.

## Artikolu 9

**Miżuri supplimentari ta' mitigazzjoni tar-riskji għall-operaturi tal-biċċeriji**

1. L-operaturi tal-biċċeriji għandhom jiżguraw li l-annimali tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jiġu skarnati sa mhux aktar tard minn 24 siegħa mill-wasla tagħhom fil-biċċerija meta jkunu ġejjin minn Stat Membru ieħor u ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsimha 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

jew

(b) jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li kienu miftiehma mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

2. Minbarra r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1, meta l-annimali tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jiġu ttrasportati minn ġo Stat Membru ieħor u ma jissodisfawx mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 32(1)(a) sa (c) jew fl-Artikolu 32(2), l-operaturi tal-biċċeriji għandhom jiżguraw li dawn l-annimali jiġu skarnati mhux aktar tard minn 24 siegħa mill-wasla tagħhom fil-biċċerija.

## KAPITOLU 2

**Rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti tal-ungulati miżmuma lejn Stati Membri oħrajn**

## Taqsimha 1

**Annimali bovini**

## Artikolu 10

**Rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali bovini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali bovini miżmuma lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali jkunu ilhom residenti kontinwament fl-istabbiliment għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq, jew mit-twelid, jekk ikunu iżgħar minn 30 jum, u matul dan il-perjodu ma kinux f'kuntatt ma' annimali bovini miżmuma bi stat ta' saħħa aktar baxx jew soġġetti għal restrizzjonijiet fuq il-movement minħabba raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, jew inkella ma' annimali miżmuma li jkunu ġejjin minn stabbiliment li ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b);

(b) kwalunkwe animal li jidħol fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tal-annimali msemmija fil-punt (a), u introdott fl-istabbiliment fejn ikunu residenti dawk l-annimali, jinżamm separat sabiex b'hekk jiġi evitat kull kuntatt dirett u indirett mal-annimali l-oħrajn kollha f'dak l-istabbiliment;

(c) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* mingħajr tilqim rigward annimali bovini, u tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* rigward il-popolazzjoni ta' annimali bovini;

jew

(ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test għal infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I, imwettqa, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud fl-aħħar 30 jum qabel it-tluq u, fil-każ ta' annimali femminili wara li jwelledu, meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas;

jew

(iii) l-annimali jkollhom inqas minn 12-il xahar;

jew

(iv) l-annimali jiġu kkastrati;

(d) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*), u tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħieles minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*);

jew

(ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test għal infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 2 tal-Anness I, imwettqa, b'riżultati negattivi, fl-aħħar 30 jum qabel it-tluq;

jew

(iii) l-annimali jkollhom inqas minn 6 ġimgħat;

(e) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;

- (f) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika f'annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;
- (g) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (h) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata a-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u fil-każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata s-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet tal-moviment sakemm:
- (i) l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment;
- kif ukoll
- (ii) l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment;
- (i) għajr fil-każ tal-annimali bovini miżmuma msemmija fl-Artikoli 11(4), 12(4) u 13, l-annimali jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-reqwiziti għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
- (j) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33, fejn applikabbli.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-annimali bovini miżmuma maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 14.

#### Artikolu 11

#### **Rekwiżiti supplimentari għall-movimenti ta' animala bovini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni taġġhom bi stat ta' ħelsien mill-mard għal mard speċifiku**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali bovini miżmuma lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mil-lewkożi enzootika bovina meta l-annimali jkunu f'konformità mar-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 10 u dment li jiġu ssodisfati r-reqwiziti fil-punt (a) jew fil-punt (b):

(a) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina;

jew

(b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment li mhuwiex ħieles mil-lewkożi enzootika bovina, ma tkunx ġiet irrapportata l-lewkożi enzootika bovina f'dak l-istabbiliment matul l-aħħar 24 xahar qabel it-tluq; u

(i) f'każ li l-annimali jkollhom aktar minn 24 xahar, ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 4 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi

— fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mill-inqas erba' xhur, filwaqt li jinżammu iżolati mill-annimali bovini l-oħrajn tal-istabbiliment;

jew

— fuq kampjun meħud matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq taġġhom, dment li l-annimali bovini kollha ta' aktar minn 24 xahar miżmuma fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 4 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn erba' xhur matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq tal-annimali;

jew

(ii) f'każ li l-annimali jkollhom inqas minn 24 xahar, ikunu ġew imwiċda minn ommijiet, li jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 4 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn erba' xhur matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq tal-annimali.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali bovini miżmuma lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva meta l-annimali jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10, ma jkunux ġew imlaqqmin kontra r-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew fil-punt (b):

(a) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles mir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva, jew

(i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva;

jew

(ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal kwarantina għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus-1 tal-erpete bovina (BoHV-1) sħiħ b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 5 tal-Anness I, b'riżultat negattiv, imwettaq fuq kampjun meħud matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq tagħhom;

(b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment mhux ħieles mir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva, jkunu nżammu fi stabbiliment tal-kwarantina approvat għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-BoHV-1 sħiħ, b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 5 tal-Anness I, b'riżultat negattiv, imwettaq fuq kampjun meħud mhux inqas minn 21 jum wara l-bidu tal-kwarantina.

3. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali bovini miżmuma għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mid-dijarea virali bovina meta l-annimali jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10, ma jkunux ġew imlaqqmin kontra d-dijarea virali bovina u dment li r-rekwiżiti fil-punt (a) jew fil-punt (b) jkunu ġew issodisfati:

(a) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles mid-dijarea virali bovina,

(i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew f'żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mid-dijarea virali bovina jew inkella kien soġġett għal reġim ta' ttestjar kif imsemmi fil-punt 1(c) (ii) jew (iii) tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Parti VI tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, imwettaq, b'riżultati negattivi, fl-aħħar erba' xhur qabel it-tluq tal-annimali;

jew

(ii) l-annimali jkunu ġew ittestjati individwalment sabiex tiġi eskluża l-preżenza tal-virus tad-dijarea virali bovina qabel it-tluq tagħhom;

(b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment mhux ħieles mid-dijarea virali bovina, ikunu ġew soġġetti għal test għal antiġene jew ġenoma tal-virus tad-dijarea virali bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I, imwettaq b'riżultati negattivi, u

jew

(i) l-annimali jkunu nżammu fi stabbiliment tal-kwarantina approvat għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel it-tluq tagħhom u, fil-każ ta' ommijiet tqal, ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus tad-dijarea virali bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mhux inqas minn 21 jum wara l-bidu tal-kwarantina;

jew

(ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus tad-dijarea virali bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati pożittivi, fuq kampjuni meħuda jew qabel it-tluq jew inkella, fil-każ ta' ommijiet tqal, qabel l-inseminazzjoni li tippreċedi l-ġestazzjoni attwali.

4. B'deroga mill-Artikolu 10(1)(i), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali bovini miżmuma li ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

5. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għall-annimali bovini miżmuma maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 14.

#### Artikolu 12

### **Rekwiżiti supplimentari għall-movimenti ta' annimali bovini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni tagħhom bi programmi ta' eradikazzjoni approvati għal mard speċifiku**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali bovini miżmuma għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għal-lewkożi enzootika bovina meta l-annimali jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10 u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew fil-punt (b):

(a) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles mil-lewkożi enzootika bovina;

jew

(b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment li mhuwiex ħieles mil-lewkożi enzootika bovina, ma tkunx ġiet irrapportata l-lewkożi enzootika bovina f'dak l-istabbiliment matul l-aħħar 24 xahar qabel it-tluq tal-annimali; u

(i) f'każ li l-annimali jkollhom aktar minn 24 xahar, ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 4 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi,

jew

— fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mill-inqas erba' xhur, filwaqt li jinżammu iżolati mill-annimali bovini l-oħrajn tal-istabbiliment;

jew

— fuq kampjuni meħuda matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tagħhom, dment li l-annimali bovini kollha ta' aktar minn 24 xahar miżmuma fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 4 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mill-inqas erba' xhur matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq tal-annimali;

jew

(ii) f'każ li l-annimali jkollhom inqas minn 24 xahar, ikunu ġew imwiela minn ommijiet, li jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għal-lewkożi enzootika bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 4 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn erba' xhur matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq tal-annimali.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali bovini miżmuma għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għar-rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva meta l-annimali jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10 u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew fil-punt (b):

(a) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles mir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva,

jew

(i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' hiesien mir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva;

jew

(ii) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għar-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva;

jew

(iii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal kwarantina għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-BoHV-1 sħiħ jew, fil-każ ta' annimali mlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassar, antikorpi kontra l-proteina gE tal-BoHV-1, b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 5 tal-Anness I, b'riżultat negattiv, fuq kampjun meħud matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq tagħhom;

jew

(iv) l-annimali jkunu destinati għal stabbiliment li jżomm annimali bovini għall-produzzjoni tal-laħam mingħajr kuntatt ma' annimali bovini ta' stabbilimenti oħrajn, u li minnu jiġu mċaqilqa direttament għall-biċċerija;

jew

(b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment mhux ħieles mir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva, ikunu nżammu fi stabbiliment ta' kwarantina approvat għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-BoHV-1 sħiħ b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 5 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultat negattiv, fuq kampjun meħud mhux inqas minn 21 jum wara l-bidu tal-kwarantina.

3. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali bovini miżmuma għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għad-dijarea virali bovina meta l-annimali jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10 u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew fil-punt (b):

(a) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles mid-dijarea virali bovina,

(i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mid-dijarea virali bovina;

jew

(ii) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għad-dijarea virali bovina;

jew

(iii) l-istabbiliment kien soġġett għal reġim ta' ttestjar kif imsemmi fil-punt 1(c) (ii) jew (iii) tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Parti VI tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, imwettaq, b'riżultati negattivi, fl-aħħar erba' xhur qabel it-tluq tal-annimali;

jew

(iv) l-annimali jkunu ġew ittestjati individwalment sabiex tiġi eskluża l-preżenza tad-dijarea virali bovina qabel it-tluq;

jew

(v) l-annimali jkunu destinati għal stabbiliment li jżomm annimali bovini għall-produzzjoni tal-laħam separati minn annimali bovini ta' stabbilimenti oħrajn, u li minnu jiġu mċaqilqa direttament għall-biċċerija;

(b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment mhux ħieles mid-dijarea virali bovina, jkunu ġew soġġetti għal test għal antiġene jew ġenoma tal-virus tad-dijarea virali bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi,

kif ukoll

(i) l-annimali jkunu nżammu fi stabbiliment ta' kwarantina approvat għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel it-tluq tagħhom u, fil-każ ta' ommijiet tqal, ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus tad-dijarea virali bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mhux inqas minn 21 jum wara l-bidu tal-kwarantina;

jew

(ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus tad-dijarea virali bovina b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 6 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati pożittivi, fuq kampjuni meħuda jew qabel it-tluq jew inkella, fil-każ ta' ommijiet tqal, qabel l-inseminazzjoni li tippreċedi l-ġestazzjoni attwali.

4. B'deroga mill-Artikolu 10(1)(i), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali bovini miżmuma li ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

5. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għall-annimali bovini miżmuma maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 14.



## Artikolu 13

**Derogi għall-movimenti ta' annimali bovini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni ta' għom mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu**

B'deroga mill-Artikolu 10(1)(i), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali bovini miżmuma li ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

## Artikolu 14

**Deroga għall-movimenti ta' annimali bovini miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stati Membri oħrajn**

B'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 10, 11 u 12, l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-annimali bovini miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

## (a) l-annimali

jew

- (i) ikunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* bit-tilqim tal-annimali bovini jew mingħajru;

jew

- (ii) ikunu kkastrati;

jew

- (iii) ikunu annimali bovini sħaħ li jkollhom aktar minn 12-il xahar u li jkunu ġew soġġetti għal test għall-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u, fil-każ ta' annimali femminili wara li jwelledu, fuq kampjun meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas;

## (b) l-annimali

- (i) ikunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*);

jew

- (ii) ikunu ġew soġġetti għal test għall-infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 2 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;

- (c) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;

- (d) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;

- (e) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq.

## Taqsim 2

**Annimali ovini u kaprini**

## Artikolu 15

**Rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali ovini u kaprini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali ovini u kaprini miżmuma għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-annimali jkunu ilhom residenti kontinwament fl-istabbiliment għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq, jew mit-twelid, jekk ikunu iżgħar minn 30 jum u, matul dan il-perjodu ma kinux f'kuntatt ma' annimali ovini jew kaprini miżmuma bi stat ta' saħħa aktar baxx jew soġġetti għal restrizzjonijiet ta' moviment għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, jew inkella ma' annimali miżmuma li jkunu ġejjin minn stabbiliment li ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b);
- (b) kwalunkwe annimal li jidhrol fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tal-annimali msemmija fil-punt (a), u introdott fl-istabbiliment fejn ikunu residenti daww l-annimali, jinżamm separat sabiex b'hekk jiġi evitat kull kuntatt dirett u indirett mal-annimali l-oħrajn kollha f'dak l-istabbiliment;
- (c) għajr meta jiġu mċaqilqa f'konformità mal-Artikolu 16, ikunu ġejjin minn stabbiliment ħieles mill-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* mingħajr tilqim tal-annimali ovini u kaprini, u

jew

- (i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward tal-popolazzjoni ta' ovini u kaprini;

jew

- (ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test għal infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I, imwettqa, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud fl-aħħar 30 jum qabel it-tluq u, fil-każ ta' annimali femminili wara li jwelledu, meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas;

jew

- (iii) l-annimali jkollhom inqas minn 6-il xahar;

jew

- (iv) l-annimali jkunu kkastrati.

- (d) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (e) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika f'annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;
- (f) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (g) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata a-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u fil-każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata s-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet tal-moviment sakemm:

- (i) l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment;

kif ukoll

- (ii) l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment;

(h) għajr meta l-annimali jiġu mċaqilqa f'konformità mal-Artikolu 17, huma jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

(i) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33, fejn applikabbli.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali ovini miżmuma għal Stat Membru ieħor meta jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) matul l-aħħar 42 jum qabel it-tluq.

3. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali kaprini miżmuma għal Stat Membru ieħor meta jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun twettqet sorveljanza għall-infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fuq l-annimali kaprini miżmuma fl-istabbiliment f'konformità mal-punt 1 u mal-punt 2 tal-Parti 1 tal-Anness II matul mill-inqas l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq, u matul dan il-perjodu

(i) ikunu ġew introdotti biss annimali kaprini minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri previsti f'dan il-paragrafu fl-istabbiliment imsemmi fil-paragrafu 1(a);

(ii) f'każ li tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali kaprini miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-Parti 1(3) tal-Anness II.

4. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali ovini maskili mhux ikkastrati għal Stat Membru ieħor meta jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-epididimite ovina (*Brucella ovis*) matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq;

(b) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għall-epididimite ovina (*Brucella ovis*), imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għall-annimali ovini u kaprini miżmuma maħsuba għall-iskarnar imsemmi fl-Artikolu 18.

#### Artikolu 16

##### **Deroga għall-movimenti ta' annimali ovini u kaprini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni tagħhom mingħajr l-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis***

B'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(1)(c), l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-annimali ovini u kaprini miżmuma għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu mingħajr l-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* rigward annimali ovini u kaprini jekk dawn ikunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'tilqim tal-annimali ovini u kaprini.

#### Artikolu 17

##### **Derogi għall-movimenti ta' annimali ovini u kaprini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni tagħhom rigward infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)**

B'deroga mill-Artikolu 15(1)(h), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali ovini u kaprini miżmuma li ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu

(a) bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

- (b) mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali moviment huma awtorizzati. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

#### Artikolu 18

### Deroga għall-movimenti ta' animali ovini u kaprini miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stati Membri oħrajn

B'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15, l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-animali ovini u kaprini miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-animali jkunu identifikati individwalment f'konformità mal-Artikolu 45 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jew inkella, kienu kontinwament residenti fl-istabbiliment għal mill-inqas 21 jum qabel it-tluq tagħhom, jew mit-twelid tagħhom, jekk ikollhom inqas minn 21 jum;
- (b) l-animali
- jew
- (i) ikunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* bit-tilqim tal-animali ovini u kaprini jew mingħajru;
- jew
- (ii) ikollhom aktar minn 6 xhur u jkunu ġew soġġetti għal test għal infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u, fil-każ ta' animali femminili wara li jwelledu, fuq kampjun meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas;
- jew
- (iii) ikunu kkastrati;
- (c) l-animali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-animali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (d) l-animali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (e) l-animali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq.

#### Taqsim 3

### Animali porċini

#### Artikolu 19

### Rekwiżiti għall-movimenti ta' animali porċini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-animali porċini miżmuma għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) l-animali jkunu ilhom residenti kontinwament fl-istabbiliment għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq, jew mit-twelid, jekk ikunu iżgħar minn 30 jum, u matul dan il-perjodu ma kinux f'kontatt ma' animali porċini miżmuma bi stat ta' saħħa aktar baxx jew soġġetti għal restrizzjonijiet ta' moviment għal raġunijiet ta' saħħa tal-animali, jew inkella ma' animali miżmuma li jkunu ġejjin minn stabbiliment li ma kienu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b);
- (b) kwalunkwe animal li jidħol fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tal-animali msemmija fil-punt (a), u introdott fl-istabbiliment fejn ikunu residenti dawk l-animali, jinżamm separat sabiex b'hekk jiġi evitat kull kuntatt dirett u indirett mal-animali l-oħrajn kollha f'dak l-istabbiliment;

- (c) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (d) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (e) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (f) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fl-annimali porċini matul l-aħħar 42 jum qabel it-tluq u fejn matul mill-inqas l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq

jew

- (i) ikunu ġew applikati miżuri ta' bijosigurtà u ta' mitigazzjoni tar-riskji, inklużi l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u s-sistemi tal-ġhalf, skont kif meħtieġ, sabiex tiġi evitata t-trażmissjoni tal-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* minn annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda għall-annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment, u ġew introdotti biss annimali porċini minn stabbilimenti li japplikaw miżuri ekwivalenti ta' bijosigurtà u ta' mitigazzjoni tar-riskji;

jew

- (ii) tkun twettqet sorveljanza għall-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fuq l-annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment f'konformità mal-punt 1 u mal-punt 2 tal-Anness III matul mill-inqas l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq, u matul dan il-perjodu
  - fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (a) ikunu ġew introdotti biss annimali porċini minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri previsti fil-punt (i) jew f'dan il-punt;
  - f'każ li tkun ġiet irrapportata infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-punt 3 tal-Anness III.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-annimali porċini miżmuma maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 21.

#### Artikolu 20

### **Rekwiżiti supplimentari għall-movimenti ta' annimali porċini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni tagħhom bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali porċini miżmuma għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky meta jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 19, mhux imlaqqmin kontra l-virus tal-marda ta' Aujeszky u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew fil-punt (b):

- (a) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky,

jew

- (i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky;

jew

- (ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus sħiħ tal-marda ta' Aujeszky bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 7 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultat negattiv, fuq kampjun meħud matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq tagħhom. Għall-annimali porċini li għandhom inqas minn erba' xhur imwiela minn ommijiet imlaqqmin b'vaċċin bil-gE mħassar, jista' jintuża l-metodu dijanjostiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-proteina gE tal-virus tal-marda ta' Aujeszky previst fil-Parti 7 tal-Anness I. In-numru ta' annimali porċini ttestjati għandu jippermetti mill-inqas is-sejbien ta' seroprevalenza ta' 10 % tal-konsenja b'95 % kunfidenza;
- (b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment mhux ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky, jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
  - (i) l-annimali jkunu nżammu fi stabbiliment ta' kwarantina approvat għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum;

kif ukoll

- (ii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus sħiħ tal-marda ta' Aujeszky bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 7 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultat negattiv, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn 30 jum, bl-aħħar kampjun meħud matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali porċini miżmuma għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky meta jkunu f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 19 u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew fil-punt (b):

- (a) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky,

jew

- (i) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' hiesien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky;

jew

- (ii) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky;

jew

- (iii) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus sħiħ tal-marda ta' Aujeszky jew ta' antikorpi kontra l-proteina gE tal-virus tal-marda ta' Aujeszky, fejn applikabbli, b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 7 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultat negattiv, fuq kampjuni meħud matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq tagħhom. In-numru ta' annimali porċini ttestjati għandu jippermetti mill-inqas is-sejbien ta' seroprevalenza ta' 10 % tal-konsenja b'95 % kunfidenza;

- (b) jekk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment mhux ħieles minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky, jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (i) ikunu nżammu fi stabbiliment ta' kwarantana approvat għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum;

kif ukoll

- (ii) ikunu ġew soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus sħiħ tal-marda ta' Aujeszky jew ta' antikorpi kontra l-proteina gE tal-virus tal-marda ta' Aujeszky, jekk applikabbli, b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 7 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultat negattiv, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet f'intervall ta' mhux inqas minn 30 jum, bl-aħħar kampjun meħud matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq tagħhom.

3. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 sa 2 ma għandhomx japplikaw għall-annimali porċini miżmuma maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 21.

#### Artikolu 21

#### **Deroga għall-movimenti ta' annimali porċini miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stati Membri oħrajn**

1. B'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 19, l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-annimali porċini miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stat Membru ieħor meta daww l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment

- (a) fejn ma tkun giet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (b) fejn ma tkunx giet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq.

2. B'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 20, l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-annimali porċini miżmuma maħsuba għall-iskarnar għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' hiesien minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky meta jkunu f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafu 1 u meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;

- (b) l-animali jiġu ttrasportati direttament lejn il-biċċerija fl-Istat Membru tad-destinazzjoni mingħajr ma jgħaddu minn kwalunkwe operazzjoni ta' assemblaġġ f'dak l-Istat Membru jew f'żona tiegħu, jew fi kwalunkwe Stat Membru tal-passaġġ jew f'żona tiegħu, bl-istat ta' ħelsien minn infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky.

#### Taqsim 4

### Animali ekwini

#### Artikolu 22

#### Rekwiżiti għall-movimenti ta' animali ekwini lejn Stati Membri oħrajn

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-animali ekwini lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
  - (a) l-animali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata a-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u fil-każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata s-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet tal-moviment sakemm:
    - (i) l-animali infettati tneħħew mill-istabbiliment,  
kif ukoll
    - (ii) l-animali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-aħħar animal infettat ikun tneħħa mill-istabbiliment;
  - (b) l-animali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata d-durina matul l-aħħar 6 xhur qabel it-tluq jew, f'każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata d-durina matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjoni tal-moviment sakemm:
    - (i) l-animali infettati nqatlu u nqerdu, jew ġew skarnati, jew l-animali ekwini maskili kollha li kienu infettati ġew ikkastrati;  
kif ukoll
    - (ii) l-animali ekwini li kien fadal fl-istabbiliment, bl-eċċezzjoni tal-animali ekwini maskili kkastrati msemmija fil-punt (i), kienu soġġetti għal test għad-durina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 8 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li tlestew il-miżuri deskritti fil-punt (i);
  - (c) l-animali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-anemija infettiva ekwina matul l-aħħar 90 jum qabel it-tluq jew, f'każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata l-anemija infettiva ekwina matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjoni tal-moviment sakemm:
    - (i) l-animali infettati nqatlu u nqerdu jew ġew skarnati u l-istabbiliment tnaddaf u ġie diżinfettat;  
kif ukoll
    - (ii) l-animali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għall-anemija infettiva ekwina bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 9 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall minimu ta' 3 xhur wara li jkunu tlestew il-miżuri deskritti fil-punt (i);
  - (d) l-animali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul l-aħħar 6 xhur qabel it-tluq jew, f'każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab fi Stat Membru jew f'żona tiegħu fejn tkun ġiet irrapportata l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela matul l-aħħar sentejn, ikunu konformi mal-kundizzjonijiet fil-punt (i) u mal-kundizzjonijiet fil-punt (ii) jew fil-punt (iii):
    - (i) matul il-perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel it-tluq, ikunu baqgħu klinikament f'saħħithom u kwalunkwe animal imsemmi fil-punt (ii) jew fil-punt (iii) li wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ogħla mill-firxa fiżjoloġika, meħuda kuljum, kien soġġett għal test dijanjostiku għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-punt (a) tal-Parti 10(1) tal-Anness I, b'riżultati negattivi;  
kif ukoll

(ii) l-annimali nżammu fi kwarantina għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum protetti minn attacchi ta' insetti vetturi, u

jew

- tlaqqmu kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'kors primarju komplet u tlaqqmu mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur mhux inqas minn 60 jum u mhux aktar minn 12-il xahar qabel id-data tad-dispaċċ;

jew

- kienu soġġetti għal test għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-punt (b) tal-Parti 10(1) tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud mhux inqas minn 14-il jum wara d-dħul tad-dħul fi kwarantina;

(iii) l-annimali kienu soġġetti għal

- test għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-punt (b) tal-Parti 10(1) tal-Anness I, mingħajr żieda fit-titru tal-antikorpi, imwettaq fuq kampjuni mqabbla f'pari meħuda f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 21 jum, bit-tieni wieħed meħud matul perjodu ta' 10 jiem qabel id-data tat-tluq;

kif ukoll

- test għas-sejbien tal-ġenoma tal-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela bil-metodu dijanjostiku previst fil-Parti 10(2) tal-Anness I, b'riżultat negattiv, imwettaq fuq kampjun meħud fi żmien 48 siegħa qabel it-tluq, u l-annimali kienu protetti minn attacchi mill-insetti vetturi wara t-teħid tal-kampjuni sat-tluq;

(e) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;

(f) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;

(g) l-annimali ma kinux f'kuntatt ma' annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għall-mard imsemmi fil-punti (a) sa (f) li ma kinux konformi mar-rekwiżiti fil-punti (a) sa (e) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq, u mar-rekwiżit fil-punt (f) matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(a), (b) u (c), ir-restrizzjonijiet tal-moviment imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) għandhom japplikaw għal mill-inqas 30 jum wara li l-aħħar animal fl-istabbiliment tal-ispeċijiet elenkati għall-marda rispettiva msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) ikun inqatel u nqered jew ġie skarnat u l-bini jkun tnaddaf u ġie diżinfettat.

3. Fuq talba mill-awtorità kompetenti, l-operatur li jitlob iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 76 għandu jipprovdi d-dettalji tal-indirizz ta' kwalunkwe stabbiliment li jżomm l-annimali ekwini fejn l-annimali ekwini li għandhom jiġu mċaqilqa jkunu nżammu matul it-30 jum qabel il-moviment maħsub lejn Stat Membru ieħor.

## Taqsimha 5

### Annimali kamelidi

#### Artikolu 23

#### Rekwiżiti għall-moviment ta' annimali kamelidi miżmuma lejn Stati Membri oħrajn

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali kamelidi miżmuma għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali jkunu ilhom residenti kontinwament fl-istabbiliment għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq, jew mit-twelid, jekk ikunu iżgħar minn 30 jum, u matul dan il-perjodu ma kinux f'kuntatt ma' annimali kamelidi miżmuma bi stat ta' saħħa aktar baxx jew soġġetti għal restrizzjonijiet ta' moviment għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, jew inkella ma' annimali miżmuma li jkunu ġejjin minn stabbiliment li ma kienu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b);

(b) kwalunkwe animal li jidħol fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tal-annimali msemmija fil-punt (a), u introdott fl-istabbiliment fejn ikunu residenti dawk l-annimali, jinżamm separat sabiex b'hekk jiġi evitat kull kuntatt dirett u indirett mal-annimali l-oħrajn kollha f'dak l-istabbiliment;



- (c) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (d) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'annimali kamelidi matul l-aħħar 42 jum qabel it-tluq, u kienu soġġetti għal test għall-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjun meħud matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u, fil-każ ta' annimali femminili wara li jwelledu, fuq kampjun meħud mill-inqas 30 jum wara l-ħlas;
- (e) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun twettqet sorveljanza għal infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fuq l-annimali kamelidi miżmuma fl-istabbiliment f'konformità mal-punt (1) u mal-punt (2) tal-Parti 2 tal-Anness II matul mill-inqas l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq, u matul dan il-perjodu
- (i) ikunu ġew introdotti biss annimali kamelidi minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri previsti f'dan il-punt fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (a);
- (ii) f'każ li tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali kamelidi miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-punt 3 tal-Parti 2 tal-Anness II.
- (f) f'każ li l-annimali jiġu mċaqilqa għal Stat Membru jew żona tiegħu bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għar-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva f'annimali bovini, ikunu ġejjin minn stabbiliment fejn ir-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva fl-annimali kamelidi ma tkunx ġiet irrapportata fl-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (g) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika fi kwalunkwe stabbiliment matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;
- (h) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (i) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata a-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u fil-każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata s-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet tal-moviment sakemm:
- (i) l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment;

kif ukoll

(ii) l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment;

(j) għajr meta l-annimali jiġu mċaqilqa f'konformità mal-Artikolu 24, huma jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-reqwiziti għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

(k) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33, fejn applikabbli.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-annimali kamelidi miżmuma maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 25.

#### Artikolu 24

#### **Deroga għall-movimenti ta' annimali kamelidi miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni tagħhom rigward infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)**

B'deroga mill-Artikolu 23(1)(j), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali kamelidi miżmuma li ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mir-reqwiziti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu

(a) bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

- (b) mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali moviment huma awtorizzati. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, daww il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

#### Artikolu 25

#### **Deroga għall-movimenti ta' annimali kamelidi miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stati Membri oħrajn**

B'deroga mir-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 23, l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-annimali kamelidi miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu meta daww l-annimali jkunu għejjin minn stabbiliment

- (a) fejn ma tkun għet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (b) fejn ma tkunx għet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq.
- (c) fejn ma tkun għet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq.

#### Taqsim 6

#### **Annimali ċervidi**

#### Artikolu 26

#### **Reqwiziti għall-movimenti ta' annimali ċervidi miżmuma lejn Stati Membri oħrajn**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali ċervidi miżmuma għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-reqwiziti li għejjin:
  - (a) l-annimali jkunu ilhom residenti kontinwament fl-istabbiliment għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq, jew mit-twelid, jekk ikunu iżgħar minn 30 jum, u matul dan il-perjodu ma kinux f'kontatt ma' annimali ċervidi miżmuma bi stat ta' saħħa aktar baxx jew soġġetti għal restrizzjonijiet ta' moviment għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, jew inkella ma' annimali miżmuma li jkunu għejjin minn stabbiliment li ma kienx jissodisfa r-reqwiziti stabbiliti fil-punt (b);
  - (b) kwalunkwe annimal li jidhrol fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tal-annimali msemmija fil-punt (a), u introdott fl-istabbiliment fejn ikunu residenti daww l-annimali, jinżamm separat sabiex b'hekk jiġi evitat kull kuntatt dirett u indirett mal-annimali l-oħrajn kollha f'dak l-istabbiliment;
  - (c) l-annimali jkunu għejjin minn stabbiliment fejn ma tkun għet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja fl-annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
  - (d) l-annimali jkunu għejjin minn stabbiliment fejn ma tkun għet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'annimali ċervidi matul l-aħħar 42 jum qabel it-tluq;
  - (e) l-annimali jkunu għejjin minn stabbiliment fejn tkun twettqet sorveljanza għal infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fuq l-annimali kamelidi miżmuma fl-istabbiliment f'konformità mal-punt (1) u mal-punt (2) tal-Parti 3 tal-Anness II matul mill-inqas l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq, u matul dan il-perjodu
    - (i) ikunu ġew introdotti biss annimali ċervidi minn stabbilimenti li japplikaw il-miżuri previsti f'dan il-punt fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (a);
    - (ii) f'każ li tkun għet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali kamelidi miżmuma fl-istabbiliment, ikunu ttieħdu miżuri f'konformità mal-punt 3 tal-Parti 3 tal-Anness II.
  - (f) f'każ li l-annimali jiġu mċaqilqa għal Stat Membru jew żona tiegħu bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għar-rinotrakeite bovina infettiva/il-vulvovaġinite pustulari infettiva fl-annimali bovini, ikunu għejjin minn stabbiliment fejn ma tkun għet irrapportata l-ebda rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva fl-annimali ċervidi matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
  - (g) l-annimali jkunu għejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment fejn ma tkun għet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epiżootika fi kwalunkwe stabbiliment matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;

- (h) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (i) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata a-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u fil-każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata s-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet tal-moviment sakemm:
- (i) l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment;
- kif ukoll
- (ii) l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment kienu soġġetti għal test għas-surra (*Trypanosoma evansi*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I, imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment;
- (j) għajr meta jiġu mċaqilqa f'konformità mal-Artikolu 27, huma jikkonformaw mill-inqas ma' wieħed mir-ekwiżiti għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
- (k) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33, fejn applikabbli.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-annimali ċervidi miżmuma maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 28.

#### Artikolu 27

##### **Derogi għall-movimenti ta' annimali ċervidi miżmuma lejn Stati Membri oħrajn jew żoni taqthom rigward infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)**

B'deroga mill-Artikolu 26(1)(j), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali ċervidi miżmuma li ma jikkonformawx mill-inqas ma' wieħed mir-ekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu

- (a) bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
- (b) mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

#### Artikolu 28

##### **Deroga għall-movimenti ta' annimali ċervidi miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stati Membri oħrajn**

B'deroga mir-ekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26, l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-annimali ċervidi miżmuma maħsuba għall-iskarnar lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu meta dawk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment

- (a) fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (b) fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (c) fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq.

## Taqsim 7

## Ungulati oħrajn

## Artikolu 29

## Rekwiżiti għall-moviment ta' ungulati miżmuma oħrajn lejn Stati Membri oħrajn

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-ungulati miżmuma oħrajn lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-reqwiziti li ġejjin:

- (a) l-annimali jkunu ilhom residenti kontinwament fl-istabbiliment għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq, jew mit-twelid, jekk ikunu iżgħar minn 30 jum, u matul dan il-perjodu ma kinux f'kuntatt ma' ungulati miżmuma oħrajn bi stat ta' saħħa aktar baxx jew soġġetti għal restrizzjonijiet ta' moviment għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali, jew inkella ma' annimali miżmuma li jkunu ġejjin minn stabbiliment li ma kienu jissodisfa r-reqwiziti stabbiliti fil-punt (b);
- (b) kwalunkwe annimal li jidħol fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tal-annimali msemmija fil-punt (a), u introdott fl-istabbiliment fejn ikunu residenti dawk l-annimali, jinżamm separat sabiex b'hekk jiġi evitat kull kuntatt dirett u indirett mal-annimali l-oħrajn kollha f'dak l-istabbiliment;
- (c) fil-każ ta' ungulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tar-rabja, l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (d) fil-każ ta' ungulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis*, huma jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'ungulati miżmuma oħra tal-ispeċijiet elenkati għal din il-marda matul it-42 jum qabel it-tluq;
- (e) fil-każ ta' ungulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-kumplex tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*), huma jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-kumplex tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal din il-marda matul it-42 jum qabel it-tluq;
- (f) fil-każ ta' ungulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment li jinsab f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km madwar dak l-istabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika fi kwalunkwe stabbiliment matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;
- (g) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-ungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (h) fil-każ ta' ungulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għas-surra (*Trypanosoma evansi*), huma jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata s-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u, f'każ li jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn tkun ġiet irrapportata s-surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq, wara l-aħħar tifqigħa, l-istabbiliment affettwat ikun baqa' taħt restrizzjonijiet tal-moviment sakemm:

(i) l-annimali infettati tneħħew mill-istabbiliment;

kif ukoll

(ii) l-annimali li kien fadal fl-istabbiliment sar ilhom test b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 3 tal-Anness I għas-surra (*Trypanosoma evansi*), imwettaq, b'riżultati negattivi, fuq kampjuni meħuda mill-inqas 6 xhur wara li l-annimali infettati jkunu tneħħew mill-istabbiliment;

- (i) fil-każ ta' ungulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), huma jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-reqwiziti għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 ta-Taqsim 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689. Dan il-punt ma għandux japplika għal ungulati miżmuma oħrajn imsemmija fl-Artikolu 30.
- (j) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 32 u 33, fejn applikabbli.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal ungulati miżmuma oħrajn maħsuba għall-iskarnar kif imsemmi fl-Artikolu 31.

*Artikolu 30***Deroga għall-movimenti ta' unġulati miżmuma oħrajn lejn Stati Membri oħrajn jew żoni tagħhom rigward infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)**

B'deroga mill-Artikolu 29(1)(i), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini tista' tawtorizza l-moviment ta' unġulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) li ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mir-reqwiziti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu

- (a) bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
- (b) mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, dawk il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

*Artikolu 31***Deroga għall-movimenti ta' unġulati miżmuma oħrajn maħsuba għall-iskarnar lejn Stati Membri oħrajn**

B'deroga mir-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 29, l-operaturi jistgħu jċaqilqu unġulati miżmuma oħrajn maħsuba għall-iskarnar lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu

- (a) meta dawk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-antraċe fl-unġulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
- (b) fil-każ ta' unġulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tar-rabja, meta dawk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (c) fil-każ ta' unġulati miżmuma oħrajn tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), meta dawk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq.

## Taqsimha 8

**Rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali rigward infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)***Artikolu 32***Miżuri ta' bijosigurtà u ta' mitigazzjoni tar-riskji għall-operazzjonijiet ta' trasport lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien minn, jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali miżmuma tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien minn, jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għal dik il-marda, meta jiġi ssodisfat mill-inqas wieħed mir-reqwiziti li ġejjin:

- (a) it-trasport iseħħ fi Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24);
- (b) l-annimali jiġu protetti minn attakki minn vetturi;

kif ukoll

- (i) il-vjaġġ ippjanat ma jinkludix il-ħatt tal-annimali għal perjodu itwal minn jum wieħed;

jew

(ii) l-annimali jinħattu fi stabbiliment protett mill-vetturi;

jew

(iii) l-annimali jinħattu fi Stat Membru jew żona tiegħu matul il-perjodu ħieles minn vetturi;

(c) l-annimali

(i) tlaqqmu kontra s-serotipi kollha tal-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) irrapportati matul l-aħħar sentejn fl-Istat Membru tal-passaġġ jew f'żona tiegħu u għadhom fil-perjodu ta' żmien tal-immunità garantit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin;

jew

(ii) kienu soġġetti b'riżultati pożittivi għal test seroloġiku li kapaċi jsib antikorpi speċifiċi kontra s-serotipi kollha tal-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) irrapportati fl-Istat Membru tal-passaġġ jew f'żona tiegħu matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;

(d) l-annimali jkunu maħsuba għall-iskarnar.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali miżmuma jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tkun informat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin

(a) l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa tal-annimali definiti mill-awtorità tad-destinazzjoni kompetenti sabiex jiġi żgurat li l-annimali, qabel it-tluq tagħhom, ikollhom protezzjoni immunoloġika suffiċjenti fir-rigward tas-serotipi kollha tal-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) irrapportati fl-Istat Membru jew f'żona tal-passaġġ tiegħu matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;

jew

(b) l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jew fil-punt (c) tal-paragrafu 1 sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu protetti kontra s-serotipi tal-virus tal-ilsien blu rrapportati fl-Istat Membru jew f'żona tal-passaġġ tiegħu matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq u mhux irrapportati fl-Istat Membru jew f'żona tal-passaġġ tiegħu matul l-istess perjodu.

### Artikolu 33

#### **Miżuri ta' bijosigurtà u ta' mitigazzjoni tar-riskji għall-operazzjonijiet ta' trasport minn ġo Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' hiesien minn, jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat kontra, infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24)**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) minn ġo Stat Membru ieħor tal-passaġġ jew żona tiegħu bl-istat ta' hiesien minn, jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għal dik il-marda, meta jiġi ssodisfat mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali jissodisfaw mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

jew

(b) il-mezzi tat-trasport fejn jitgħabbew l-annimali jkunu ġew protetti minn attakki minn vetturi matul it-trasport;

kif ukoll

(i) il-vjaġġ ipplanat ma jinkludix il-ħatt tal-annimali għal perjodu itwal minn jum wieħed;

jew

(ii) l-annimali jinħattu fi stabbiliment protett minn vetturi jew matul il-perjodu ħieles minn vetturi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza l-movimenti ta' annimali tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) minn ġo Stat Membru ieħor tal-passaġġ jew żona tiegħu bl-istat ta' hiesien minn, jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għal dik il-marda, jekk l-Istat Membru tal-passaġġ ikun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 43(2)(a), (c) u (d) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

## KAPITOLU 3

**Rekwiżiti supplimentari tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' pollam u bajd għat-tifqis lejn Stati Membri oħrajn**

## Taqsim a 1

**Pollam**

## Artikolu 34

**Rekwiżiti għall-movimenti ta' pollam għat-tnissil u pollam produttiv**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-pollam għat-tnissil u l-pollam produttiv għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali kienu kontinwament residenti fi stabbiliment approvat wieħed jew aktar li jżomm(u) l-pollam:

(i) mindu faqqsu:

jew

(ii) għal mill-inqas:

— 42 jum qabel it-tluq, fil-każ ta' pollam għat-tnissil u pollam produttiv għall-produzzjoni ta' laħam jew bajd għall-konsum;

jew

— 21 jum qabel it-tluq, fil-każ ta' pollam produttiv għar-ripopolazzjoni tal-provvisti ta' għasafar tal-kaċċa;

(b) l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħa fejn ma tkunx ġiet irrappurtata infezzjoni b'*Salmonella Pullorum*, *S. Gallinarum* u *S. arizonae* u dawk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbilimenti li, fil-każ ta' konferma ta' infezzjoni b'*Salmonella Pullorum*, *S. Gallinarum* u *S. arizonae* matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq, applikaw il-miżuri li ġejjin:

(i) il-qatgħa infettata tkun ġiet skarnata jew inqatlet u nqerdet;

(ii) wara l-iskarnar jew il-qtil tal-qatgħa infettata kif imsemmi fil-punt (i), l-istabbiliment ikun tnaddaf u ġie diziinfettat;

(iii) wara t-tindif u d-diziinfazzjoni imsemmeja fil-punt (ii), il-qatgħat kollha fl-istabbiliment ittestjaw negattivi għal infezzjoni bi *Salmonella Pullorum*, *S. Gallinarum* u *S. arizonae* f'żewġ testijiet imwettqa b'intervall ta' mill-inqas 21 jum f'konformità mal-programm ta' sorveljanza msemmi fl-Artikolu 8(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(c) l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħa fejn ma tkunx ġiet irrappurtata l-mikoplażmożi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*) u dawk l-annimali jkunu ġejjin minn stabbilimenti li, fil-każ ta' konferma tal-mikoplażmożi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*) matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq, applikaw il-miżuri li ġejjin:

jew

(i) il-qatgħa infettata ttestjat negattiv għall-mikoplażmożi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*) f'żewġ testijiet imwettqa f'konformità mal-programm ta' sorveljanza msemmi fl-Artikolu 8(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 fuq il-qatgħa sħiħa b'intervall ta' mill-inqas 60 jum;

jew

(ii) il-qatgħa infettata ġiet skarnata jew inqatlet u nqerdet, l-istabbiliment tnaddaf u ġie ddiinfettat u, wara t-tindif u d-diziinfazzjoni, il-qatgħat kollha fl-istabbiliment ittestjaw negattivi għall-mikoplażmożi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*) f'żewġ testijiet imwettqa b'intervall ta' mill-inqas 21 jum f'konformità mal-programm ta' sorveljanza msemmi fl-Artikolu 8(b) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

(d) l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħat li ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;

- (e) is-sorveljanza prevista fl-Artikolu 3(1)(a) u (b)(ii) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 ma sabet ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'virusijiet tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fil-qatgħa tal-orġini tal-annimali matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
  - (f) fil-każ ta' pollam produttiv għar-ripopolazzjoni tal-provvisti ta' għasafar tal-kaċċa, l-annimali ma kellhom ebda kuntatt ma' għasafar bi stat ta' saħħa aktar baxx matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
  - (g) fil-każ ta' papri u wiżż, l-annimali kienu soġġetti għal test għall-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja skont l-Anness IV, b'riżultati negattivi;
  - (h) ir-rekwiżiti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 41 u 42 għall-kategorija speċifika ta' pollam.
2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-moviment ta' inqas minn 20 tajra, minbarra r-ratiti, imċaqilqa f'konformità mal-Artikolu 37.

#### Artikolu 35

### Rekwiżiti għall-movimenti ta' pollam maħsuba għall-iskarnar

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-pollam maħsub għall-iskarnar lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) l-annimali kienu kontinwament residenti fi stabbiliment irreġistrat jew approvat li jżomm il-pollam:
    - (i) mindu faqqsu;jew
    - (ii) għal mill-inqas l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
  - (b) l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħat li ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
  - (c) ir-rekwiżiti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 41 u 42 għall-kategorija speċifika ta' pollam.
2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-moviment ta' inqas minn 20 tajra, minbarra r-ratiti, imċaqilqa f'konformità mal-Artikolu 37.

#### Artikolu 36

### Rekwiżiti għall-movimenti ta' flieles ta' ġurnata

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-flieles ta' ġurnata lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) l-annimali jkunu ġejjin minn mafqas approvat;
  - (b) l-annimali jkunu faqqsu minn bajd għat-tifqis li:
    - (i) jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 38 u li joriġina minn qatgħat li jkunu ġew soġġetti għal kontrolli f'konformità mal-Artikolu 91(1)(f) u mal-Artikolu 91(2)(f);jew
    - (ii) ikun daħal fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu;
  - (c) ir-rekwiżiti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 41 u 42 għall-kategorija speċifika ta' pollam.
2. Fil-każ ta' flieles ta' ġurnata mfaqqsa minn bajd għat-tifqis li jkun daħal fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orġini ta' dawg il-flieles ta' ġurnata għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni maħsuba li l-bajd għat-tifqis daħal fl-Unjoni minn pajjiż terz.
3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-moviment ta' inqas minn 20 tajra, minbarra r-ratiti, imċaqilqa f'konformità mal-Artikolu 37.



## Artikolu 37

**Deroga għall-movimenti ta' inqas minn 20 tajra, minbarra r-ratiti**

B'deroga mir-reqwiziti stabbiliti fl-Artikoli 34, 35 u 36, l-operaturi jistgħu jċaqilqu inqas minn 20 tajra, minbarra r-ratiti, għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-reqwiziti li ġejjin:

- (a) l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħat li kienu kontinwament residenti fi stabbiliment irreġistrat wieħed mit-tifqis jew għal mill-inqas 21 jum qabel it-tluq;
- (b) l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħat li ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
- (c) is-sorveljanza prevista fl-Artikolu 3(1)(a) u (b)(ii) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 ma sabet ebda każ ikkonfermat ta' infezzjoni b'virusijiet tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fil-qatgħa tal-orijini tal-annimali matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
- (d) l-annimali ma kellhom l-ebda kuntatt ma' pollam li jkun għadu kif wasal jew ma' għasafar bi stat ta' saħħa aktar baxx matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
- (e) fil-każ ta' papri u wiżż, għajr dawk maħsuba għall-iskarnar, l-annimali kienu soġġetti għal test għall-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja skont l-Anness IV, b'riżultati negattivi;
- (f) l-annimali jkunu ġew soġġetti għal testijiet għall-infezzjoni b'*Salmonella Pullorum*, *S. Gallinarum* u *S. arizonae* u għall-mikoplażmozi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*) f'konformità mal-Anness V, b'riżultati negattivi;
- (g) ir-reqwiziti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 41 u 42 għall-kategorija speċifika ta' pollam.

## Taqsim 2

**Bajd għat-tifqis tal-pollam**

## Artikolu 38

**Reqwiziti għall-movimenti ta' bajd għat-tifqis tal-pollam**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-bajd għat-tifqis tal-pollam għal Stat Membru ieħor meta dak il-bajd jissodisfa r-reqwiziti li ġejjin:

- (a) ikun ġej minn stabbiliment approvat;
- (b) ikun ġej minn qatgħat li kienu kontinwament residenti fi stabbiliment approvat wieħed jew aktar fejn il-pollam inżamm mindu faqqas jew għal mill-inqas l-aħħar 42 jum qabel il-ġbir tal-bajd;
- (c) ġej minn annimali li jissodisfaw ir-reqwiziti tal-Artikolu 34(1)(b), (c) u (d);
- (d) ikun immarkat individwalment bin-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tal-qatgħa tal-orijini msemmi fl-Artikolu 21(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;
- (e) ikun ġie ddiżinfettat;
- (f) ir-reqwiziti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 41 u 42.

## Artikolu 39

**Deroga għall-movimenti ta' inqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam, minbarra r-ratiti**

B'deroga mir-reqwiziti stabbiliti fl-Artikolu 38, l-operaturi jistgħu jċaqilqu inqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam, minbarra r-ratiti, lejn Stat Membru ieħor meta dak il-bajd jissodisfa r-reqwiziti li ġejjin:

- (a) ikun ġej minn stabbiliment irreġistrat;
- (b) ikun ġej minn qatgħat li:
  - (i) kienu kontinwament residenti fi stabbiliment irreġistrat mindu faqqsu jew għal mill-inqas 21 jum qabel il-ġbir tal-bajd;
  - (ii) ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
  - (iii) jkunu ġew soġġetti għal testijiet għall-infezzjoni b'*Salmonella Pullorum*, *S. Gallinarum* u *S. arizonae* u għall-mikoplażmozi tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*) f'konformità mal-Anness V, b'riżultati negattivi;
- (c) ir-reqwiziti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 41 u 42.

*Artikolu 40***Deroga għall-movimenti ta' bajd ħieles minn patoġeni speċifikati**

B'deroga mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 38, l-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-bajd ħieles minn patoġeni speċifikati għal Stat Membru ieħor meta dak il-bajd jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) ikun ġej minn stabbiliment approvat li jżomm il-pollam;
- (b) ikun ġej minn qatgħat li huma ħielsa minn patoġeni speċifikati kif deskritti fil-Farmakopea Ewropea u r-riżultati tat-testijiet u l-eżamijiet kliniċi kollha meħtieġa għal dan l-istatus speċifiku kienu favorevoli;
- (c) ikun immarkat individwalment bin-numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tal-orìġini msemmi fl-Artikolu 21(a) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.

*Taqsim 3***Rekwiżiti fir-rigward tat-tilqim***Artikolu 41***Rekwiżiti fir-rigward ta' tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle**

Fil-każ fejn il-pollam, il-bajd għat-tifqis tal-pollam jew il-qatgħat tal-orìġini tal-bajd għat-tifqis jew il-flieles ta' ġurnata jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li mhumiex vaċċini inattivati, il-vaċċini amministrati għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-Anness VI.

*Taqsim 4***Kundizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-movimenti lejn Stati Membri jew żoni tagħhom bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim***Artikolu 42***Rekwiżiti addizzjonali għall-movimenti ta' pollam u bajd għat-tifqis tal-pollam lejn Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-pollam u l-bajd għat-tifqis tal-pollam minn Stat Membru jew żona tiegħu li ma għandhomx l-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim għal Stat Membru jew żona tiegħu li għandhom l-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim meta dawk l-annimali u dak il-bajd għat-tifqis, minbarra r-rekwiżiti tat-Taqsimiet 1 sa 3 għall-komodità speċifika, ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle:

- (a) fil-każ ta' pollam għat-tnissil u pollam produttiv, huma:
  - (i) ma jkunux imlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
  - (ii) jkunu ġew iżolati għal 14-il jum qabel it-tluq, fl-istabbiliment tal-orìġini taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali jew fi stabbiliment ta' kwarantina approvat, fejn:
    - ma jkunx tlaqqam pollam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
    - ma jkunux ġew introdotti għasafar ohrajn matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
    - ma jkun sar l-ebda tilqim fl-istabbiliment ta' kwarantina;
  - (iii) ikunu ttestjaw negattiv, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq, f'testijiet seroloġiċi għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demem flivell li jagħti 95 % kunfidenza li tinstab infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;

- (b) fil-każ ta' pollam maħsub għall-iskarnar, dawk l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħat li:
- (i) ma jkunux tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u jkunu ttestjaw negattiv, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq, f'testijiet seroloġiċi għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demm f'livell li jagħti 95 % kunfidenza li tinstab infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;
- jew
- (ii) ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u jkunu ttestjaw negattiv, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq, f'test għas-sejbien tal-preżenza tal-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettaq f'livell li jagħti 95 % kunfidenza li tinstab infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;
- (c) fil-każ tal-flieles ta' ġurnata:
- (i) ma jkunux imlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
  - (ii) ikunu ġejjin minn bajd għat-tifqis li jissodisfa l-kundizzjonijiet fil-punt (d);
  - (iii) ikunu ġejjin minn mafqas fejn il-prattika tax-xogħol tiżgura li dan il-bajd għat-tifqis jiġi inkubat f'ħinijiet u postijiet kompletament separati minn bajd għat-tifqis li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet fil-punt (d);
- (d) fil-każ ta' bajd għat-tifqis tal-pollam:
- (i) ma jkunux imlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
  - (ii) ikunu ġejjin minn qatgħat li:
- jew
- ma jkunux imlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
- jew
- ikunu mlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċini inattivati;
- jew
- ikunu mlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċini ħajjin li jissodisfaw il-kriterji fl-Anness VI u jkun sar tilqim mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd għat-tifqis.

#### KAPITOLU 4

### ***Operazzjonijiet ta' assemblaġġ fir-rigward ta' annimali unġulati u tjur miżmuma***

#### Artikolu 43

### **Regoli speċifiċi għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ tal-ungulati u l-pollam miżmuma**

1. Matul il-moviment tal-ungulati u l-pollam miżmuma mill-istabbiliment tal-oriġini lejn stabbiliment fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, l-operaturi għandhom jiżguraw li l-annimali ma jkunux soġġetti għal aktar minn tliet operazzjonijiet ta' assemblaġġ u li dawk l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ jitwettqu fi stabbilimenti approvati għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ jew fuq mezzi tat-trasport f'konformità mal-Artikolu 44 fil-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) kull wieħed mill-ungulati u l-pollam miżmuma soġġett għal dawk l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ jiġi mċaqlaq lejn il-post finali tad-destinazzjoni tiegħu fi Stat Membru ieħor sa mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tat-tluq mill-istabbiliment tal-oriġini;
  - (b) il-perjodu ta' żmien bejn id-data tat-tluq ta' kull wieħed mill-ungulati u l-pollam miżmuma mill-istabbiliment tal-oriġini tiegħu u d-data tat-tluq tiegħu mill-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fl-Istat Membru tal-oriġini lejn Stat Membru ieħor ma għandux ikun itwal minn 14-il jum.
2. Fuq talba mill-awtorità kompetenti, l-operatur li jitlob iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali sabiex jikkonforma mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għandu jipprovi rendikont tal-moviment, inklużi l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ kollha, tal-annimali li jiffurmaw il-konsenja mit-tluq tagħhom mill-istabbiliment tal-oriġini.
3. B'deroga mill-paragrafu 1(a), fil-każ tat-trasport tal-annimali bil-passaġġi fuq l-ilma jew bil-baħar, il-perjodu ta' 20 jum stipulat fil-paragrafu 1(a) jista' jiġi estiż bit-tul tal-vjaġġ bil-passaġġi fuq l-ilma jew bil-baħar.

*Artikolu 44***Regoli speċifiċi għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ li jseħħu fuq mezzi tat-trasport**

L-operaturi tal-istabbilimenti li jżommu unġulati jew pollam maħsuba għal assemblaġġ fuq il-mezzi tat-trasport qabel jiġu mċaqilqa għal Stat Membru ieħor għandhom jiżguraw li t-tagħbija ssir fl-istabbiliment mingħajr ma l-mezzi tat-trasport jidħlu fil-bini fejn jinżammu l-annimali.

*Artikolu 45***Regoli dettaljati għall-miżuri ta' bijosigurtà għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ**

1. L-operaturi tal-istabbilimenti approvati għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ għandhom jiżguraw li
  - (a) l-istabbiliment jew iż-żoni ta' akkomodazzjoni tal-annimali epidemjoloġikament separati fi ħdan l-istabbiliment jitbattlu mill-annimali u jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati f'intervalli regolari ta' mhux aktar minn 14-il jum ta' okkupazzjoni bla interruzzjoni;
  - (b) it-tajers tal-mezzi tat-trasport, li minnhom ikunu tħattew jew li fuqhom ikunu tgħabbew l-annimali, jiġu ddiżinfettati qabel jitilqu mill-istabbiliment.
2. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' assemblaġġ ta' unġulati jew pollam miżmuma fuq il-mezzi tat-trasport għandhom jiżguraw li t-tajers tal-mezzi tat-trasport jiġu ddiżinfettati qabel jitilqu mill-istabbiliment tal-orġini.

*Artikolu 46***Derogi għall-movimenti ta' unġulati għal wirjiet u avvenimenti sportivi, kulturali u simili**

1. Il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 126(2) u 134(b) tar-Regolament (UE) 2016/429 u fl-Artikoli 43, 44 u 45 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-moviment tal-unġulati miżmuma lejn Stat Membru ieħor għall-iskop tal-parteeċipazzjoni f'wirjiet u avvenimenti sportivi, kulturali u simili.
2. Il-permess mill-Istat Membru msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 133(2) tar-Regolament (UE) 2016/429 ma għandux ikun meħtieġ meta l-annimali ekwini rreġistrati u ċċertifikati individwalment jikkondividu mezz tat-trasport sabiex jiġu ttrasportati lejn Stat Membru ieħor sabiex jipparteċipaw fi kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

*KAPITOLU 5****Rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma, għajr unġulati u pollam miżmuma, u għall-movimenti ta' bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma lejn Stati Membri oħrajn***

## Taqsimha 1

**Primati***Artikolu 47***Rekwiżiti għall-movimenti ta' primati lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-primati lejn Stat Membru ieħor meta l-annimali

jew

1. ikunu nżammu fi stabbiliment konfinat u jiġu ttrasportati lejn stabbiliment konfinat fl-Istat Membru tad-destinazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti fl-Artikolu 64(1);

jew

2. ikunu ġejjin minn stabbiliment għajr stabbiliment konfinat u jiġu ttrasportati lejn stabbiliment konfinat fl-Istat Membru tad-destinazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 63(2)(b).

## Taqsim 2

**Nahal tal-għasel u naħal bagħli**

## Artikolu 48

**Rekwiżiti rigward il-moviment tan-naħal tal-għasel lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss in-naħal tal-għasel fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, inkluż id-duqqajs tan-naħal tal-għasel, lejn Stati Membri oħrajn meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-annimali u l-kaxex tan-naħal tal-orìġini ma jurux sinjali ta' pesta Amerikana, infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) jew infestazzjoni bi *Tropilaelaps spp.*;
- (b) ikunu ġejjin minn miġbħa li tinsab fiċ-ċentru ta' ċirku b'raġġ ta' mill-inqas:
  - (i) 3 km, fejn ma tkunx ġiet irrapportata l-pesta Amerikana matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq u mingħajr restrizzjoni minħabba tifqigħa tal-pesta Amerikana;
  - (ii) 100 km, fejn ma tkunx ġiet irrapportata infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) u mingħajr restrizzjoni minħabba każ suspettat jew l-okkorrenza kkonfermata ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala), sakemm ma tkunx prevista deroga fl-Artikolu 49;
  - (iii) 100 km, fejn ma tkunx ġiet irrapportata infestazzjoni bi *Tropilaelaps spp.* u mingħajr restrizzjoni minħabba każ suspettat jew l-okkorrenza kkonfermata ta' infestazzjoni bi *Tropilaelaps spp.*

## Artikolu 49

**Deroga għall-moviment tal-irġejjen tan-naħal tal-għasel lejn Stati Membri oħrajn**

B'deroga mill-Artikolu 48(b)(ii), l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-irġejjen tan-naħal tal-għasel meta daww l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 48(a), (b)(i) u (iii) u r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) fil-miġbħa tal-orìġini ma tkunx ġiet irrapportata infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) u dik il-miġbħa tkun tinsab f'distanza ta' mill-inqas 30 km mil-limiti ta' żona ta' protezzjoni f'raġġ ta' mill-inqas 20 km stabbilit mill-awtorità kompetenti madwar okkorrenza kkonfermata ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala);
- (b) il-miġbħa tal-orìġini ma tkunx tinsab f'żona ristretta minn miżuri protettivi stabbiliti mill-Unjoni minħabba l-okkorrenza kkonfermata ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala);
- (c) il-miġbħa tal-orìġini tkun tinsab f'żona fejn is-sorveljanza annwali għas-sejbien ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) mill-awtorità kompetenti tkun għadha għaddejja sabiex jiġi pprovdut livell ta' kunfidenza ta' mill-inqas 95 % għas-sejbien ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) jekk mill-inqas 2 % tal-imġiebaħ ikunu ġew infestati;
- (d) il-miġbħa tal-orìġini tiġi spezzjonata kull xahar matul l-istaġun tal-produzzjoni mill-awtorità kompetenti b'riżultati negattivi sabiex jiġi pprovdut livell ta' kunfidenza ta' mill-inqas 95 % għas-sejbien ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) jekk mill-inqas 2 % tal-imġiebaħ ikunu ġew infestati;
- (e) ikunu nżammu f'gaġġa individwalment b'massimu ta' 20 attendant ta' akkumpanjament.

## Artikolu 50

**Rekwiżiti addizzjonali fir-rigward ta' infestazzjoni b'*Varroa spp.* għall-moviment ta' naħal tal-għasel lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss in-naħal tal-għasel fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, inkluż id-duqqajs tan-naħal tal-għasel, lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien minn infestazzjoni b'*Varroa spp.* meta jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 48 u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) ikunu ġejjin minn Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien minn infestazzjoni b'*Varroa spp.*;
- (b) dan ikun protett kontra infestazzjoni bil-*Varroa spp.* matul it-trasport.

## Artikolu 51

**Rekwiżiti għall-moviment ta' naħal baġħli lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss in-naħal baġħli għal Stati Membri oħrajn meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) ma jurix sinjali ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala);
- (b) ikun ġej minn stabbiliment li jinsab fiċ-ċentru ta' ċirku madwar l-istabbiliment b'raġġ ta' mill-inqas 100 km, fejn ma tkunx ġiet irrapportata infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) u mingħajr restrizzjoni minħabba każ suspettat jew l-okkorrenza kkonfermata ta' infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala). Dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx japplikaw għan-naħal baġħli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati li jiġi mċaqlaq f'konformità mal-Artikolu 52.

## Artikolu 52

**Deroga għall-moviment ta' naħal baġħli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati għan-naħal baġħli lejn Stati Membri oħrajn**

B'deroga mill-Artikolu 51(b), l-operaturi jistgħu jċaqilqu n-naħal baġħli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati għan-naħal baġħli lejn Stati Membri oħrajn meta jkun hemm konformità mal-Artikolu 51(a) u dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) ikun trabba iżolat f'unitajiet epidemjoloġiċi separati b'kull kolonja f'kontenitur magħluq li kien ġdid jew li tnaddaf u ġie ddiżinfettat qabel l-użu;
- (b) l-istharrġiet regolari fuq l-unità epidemjoloġika mwettqa f'konformità mal-proċeduri operattivi standard bil-miktub ma jkunux sabu l-infestazzjoni bl-*Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) fl-unità epidemjoloġika.

## Taqsim 3

**Klieb, qtates u inmsa**

## Artikolu 53

**Rekwiżiti għall-moviment ta' klieb, qtates u inmsa lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-klieb, il-qtates u l-inmsa lejn Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-annimali jiġu identifikati individwalment:
  - jew
    - (i) f'konformità mal-Artikolu 70 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;
  - jew
    - (ii) permezz ta' tatwaġġ li jista' jinqara b'mod ċar u li kien applikat qabel it-3 ta' Lulju 2011;
- (b) l-annimali jkunu akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni individwali kif previst fl-Artikolu 71 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 li jiddokumenta li
  - (i) l-annimal identifikat ikun ġej minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet irrapportata infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq, u jkun ingħata kors primarju komplet ta' tilqimiet kontra r-rabja mill-inqas 21 jum qabel il-moviment, jew ikun tlaqqam mill-ġdid kontra r-rabja f'konformità mar-rekwiżiti ta' validità stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għall-klieb, il-qtates u l-inmsa mċaqlaq f'konformità mal-Artikolu 54(1) u (2);
  - (ii) fil-każ tal-klieb, ikunu ġew soġġetti għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għal infestazzjoni b'*Echinococcus multilocularis* f'konformità mal-Parti 2(1) tal-Anness VII u, fejn applikabbli, fil-każ ta' klieb, qtates jew inmsa, għal mard ieħor f'konformità mal-Parti 2(3) tal-Anness VII fi ħdan il-perjodu meħtieġ stabbilit hemmhekk qabel jidħlu fi Stat Membru jew żona tiegħu eliġibbli sabiex ikunu jirrikjedu l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għall-klieb, il-qtates u l-inmsa mċaqlaq f'konformità mal-Artikolu 54(2).

## Artikolu 54

**Deroga mir-reqwiziti dwar it-tilqim kontra r-rabja u t-trattament kontra l-infestazzjoni bl-Echinococcus multilocaris**

1. B'deroga mill-Artikolu 53(b)(i), l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-klieb, il-qtates u l-inmsa li għandhom inqas minn 12-il ġimgħa u li ma ngħataw ebda tilqima kontra r-rabja, jew li għandhom bejn 12-il ġimgħa u 16-il ġimgħa u ngħataw tilqima kontra r-rabja, iżda li sa issa għadhom ma jissodisfawx ir-reqwiziti stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII għal Stat Membru ieħor dment li:

(a) l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun awtorizza tali movimenti b'mod ġenerali u jkun informa lill-pubbliku fuq sit web iddedikat li tali movimenti huma awtorizzati; kif ukoll

(b) tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 86 ikun ikkomplementat minn dikjarazzjoni tal-operatur li tiddikjara li, mit-twelid sal-ħin tat-tluq, l-annimali ma kellhom ebda kuntatt ma' annimali terrestri miżmuma taħt suspett ta' infezzjoni bil-virus tar-rabja jew ma' annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tar-rabja;

jew

(ii) ikun jista' jiġi stabbilit mid-dokument ta' identifikazzjoni tal-omm, li fuqha jkunu għadhom jiddependu l-annimali msemmija f'dan il-paragrafu, li, qabel it-twelid tagħhom, l-omm tkun ingħatat tilqima kontra r-rabja li kienet konformi mar-reqwiziti ta' validità stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII.

2. B'deroga mill-Artikolu 53(b)(i) u (ii), l-operaturi jistgħu jċaqilqu l-klieb, il-qtates u l-inmsa mhux imlaqqmin kontra r-rabja u l-klieb li ma ngħatawx trattament kontra infestazzjoni bl-Echinococcus multilocularis permezz ta' trasport dirett lejn stabbiliment konfinat.

## Artikolu 55

**L-obbligu ta' indoktratur tal-annimali domestiċi għall-movimenti ta' klieb, qtates u inmsa, għajr movimenti mhux kummerċjali**

Meta ma jkunx jista' jsir moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates jew inmsa miżmuma bħala annimali domestiċi fid-djar f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 245(2) jew fl-Artikolu 246(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-indoktratur tal-annimali domestiċi għandhom iċaqilqu biss il-klieb, il-qtates u l-inmsa miżmuma bħala annimali domestiċi fid-djar għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-reqwiziti li ġejjin:

(a) l-annimali jiġu identifikati individwalment:

jew

(i) f'konformità mal-Artikolu 70 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035;

jew

(ii) permezz ta' tatwaġġ li jista' jinqara b'mod ċar u li kien applikat qabel it-3 ta' Lulju 2011;

(b) l-annimali jkunu akkumpanjati minn dokument ta' identifikazzjoni individwali kif previst fl-Artikolu 71 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 li jiddokumenta li

(i) l-annimal identifikat ikun ingħata kors primarju komplet ta' tilqimiet kontra r-rabja mill-inqas 21 jum qabel it-tluq, jew ikun tlaqqam mill-ġdid kontra r-rabja f'konformità mar-reqwiziti ta' validità stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-klieb, il-qtates u l-inmsa mċaqilqa f'konformità mal-kundizzjonijiet fl-Artikolu 56.

(ii) fil-każ tal-klieb, ikunu ġew soġġetti għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għal infestazzjoni b'Echinococcus multilocularis f'konformità mal-Parti 2(1) tal-Anness VII u, fejn applikabbli, fil-każ ta' klieb, qtates jew inmsa, għal mard ieħor f'konformità mal-Parti 2(3) tal-Anness VII fi ħdan il-perjodu meħtieġ stabbilit hemmhekk qabel jidħlu fi Stat Membru jew żona tiegħu eliġibbli sabiex ikunu jirrikjedu l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri.

## Artikolu 56

**Deroga mir-reqwiżit tat-tilqim kontra r-rabja għall-movimenti ta' klieb, qtates u inmsa, għajr movimenti mhux kummerċjali**

B'deroga mill-Artikolu 55(b)(i), l-indokratur tal-annimali domestiċi jistgħu jċaqilqu l-klieb, il-qtates u l-inmsa ta' inqas minn 12-il ġimgħa li ma jkunux ingħataw tilqima kontra r-rabja, jew il-klieb, il-qtates u l-inmsa ta' bejn 12 u 16-il ġimgħa li jkunu ngħataw tilqima kontra r-rabja, iżda li jkunu għadhom ma jissodisfawx ir-reqwiżiti tal-validità stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII, miżmuma bħala annimali domestiċi f'unitajiet domestiċi lejn Stat Membru ieħor, dment li

- (a) l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun awtorizza tali movimenti b'mod ġenerali u jkun informa lill-pubbliku fuq sit web iddedikat li tali movimenti huma awtorizzati; kif ukoll
- (b) tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (i) iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikolu 86 ikun ikkomplementat minn dikjarazzjoni tal-indokratur tal-annimali domestiċi li tiddikjara li, mit-twelid sal-ħin tat-tluq tal-annimali, dawn ma kellhom ebda kuntatt ma' annimali terrestri miżmuma taħt suspett ta' infezzjoni bil-virus tar-rabja jew ma' annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tar-rabja;

jew

- (ii) ikun jista' jiġi stabbilit mid-dokument ta' identifikazzjoni tal-omm, li fuqha jkunu għadhom jiddependu l-annimali msemmija f'dan il-paragrafu, li, qabel it-twelid tagħhom, l-omm tkun ingħatat tilqima kontra r-rabja li kienet konformi mar-reqwiżiti ta' validità stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII.

## Artikolu 57

**Obbligu ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' deroga mir-reqwiżit għat-tilqim kontra r-rabja għal klieb, qtates u inmsa**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku l-informazzjoni dwar l-aċċettazzjoni b'mod ġenerali tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa ta' inqas minn 12-il ġimgħa li ma jkunux ingħataw tilqima kontra r-rabja, jew il-klieb, il-qtates u l-inmsa ta' bejn 12 u 16-il ġimgħa li jkunu ngħataw tilqima kontra r-rabja, iżda li jkunu għadhom ma jissodisfawx ir-reqwiżiti tal-validità stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII imsemmija fl-Artikolu 54(1)(a) u fl-Artikolu 56(a) li ġejjin minn Stati Membri oħrajn.

## Taqsim 4

**Karnivori oħrajn**

## Artikolu 58

**Reqwiżiti għall-moviment ta' karnivori oħrajn lejn Stati Membri oħrajn**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss karnivori oħrajn għal Stat Membru ieħor meta daww il-karnivori l-oħrajn jissodisfaw ir-reqwiżiti li ġejjin:
  - (a) l-annimali jkunu ġew identifikati individwalment jew identifikati bħala grupp ta' annimali tal-istess speċi miżmuma flimkien matul il-moviment lejn id-destinazzjoni;
  - (b) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tar-rabja f'annimali terrestri miżmuma matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
  - (c) l-annimali jkunu ngħataw kors primarju komplet ta' tilqimiet kontra r-rabja mill-inqas 21 jum qabel it-tluq, jew ikunu tlaqqmu mill-ġdid kontra r-rabja f'konformità mar-reqwiżiti ta' validità stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness VII;
  - (d) fil-każ tal-kanidi, l-annimali jkunu ġew soġġetti għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għal infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* f'konformità mal-Parti 2(2) tal-Anness VII fi ħdan il-perjodu meħtieġ stabbilit hemmhekk qabel jidħlu fi Stat Membru jew żona tiegħu eliġibbli sabiex ikunu jirrikjedu l-applikazzjoni ta' daww il-miżuri;
  - (e) safejn ikunu ġew adottati miżuri skont ir-Regolament (UE) 2016/429 għal infezzjoni oħra minbarra r-rabja elenkata għall-karnivori jew għal ċerti speċijiet ta' karnivori, l-annimali tal-ispeċijiet inklużi f'daww il-miżuri jkunu ġew soġġetti għall-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji f'konformità mal-Parti 2(3) tal-Anness VII għal daww l-ispeċijiet ta' karnivori fi ħdan il-perjodu meħtieġ stabbilit hemmhekk qabel jidħlu fi Stat Membru jew żona tiegħu eliġibbli sabiex ikunu jirrikjedu l-applikazzjoni ta' daww il-miżuri għall-annimali li jappartjenu għal daww l-ispeċijiet ta' karnivori.



2. B'deroga mill-paragrafu 1(c) u (d), l-operaturi jistgħu jċaqilqu karnivori oħrajn mhux imlaqqmin kontra r-rabja u kanidi mhux ittrattati kontra infestazzjoni bl-*Echinococcus multilocularis* meta l-annimali jiġu ttrasportati direttament lejn

(a) stabbiliment konfinat;

jew

(b) stabbiliment fejn dawn l-annimali jinżammu bħala annimali tal-pil kif definiti fil-punt (1) tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 <sup>(17)</sup>.

#### Taqsim 5

### Għasafar miżmuma u bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma

#### Artikolu 59

#### Rekwiżiti għall-movimenti ta' għasafar miżmuma

1. L-operaturi għandhom iċċaqilqu biss għasafar miżmuma oħrajn minbarra l-psittacidi għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali kienu kontinwament residenti fi stabbiliment irregiſtrat jew konfinat mit-tifqis jew għal mill-inqas 21 jum qabel it-tluq;

(b) l-annimali jkunu ġejjin minn qatgħat li ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;

(c) l-annimali ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;

(d) f'każ li l-annimali jkunu daħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju jew żona tiegħu, ikunu nżammu fi kwarantina f'konformità mar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni fl-istabbiliment ta' kwarantina approvat tad-destinazzjoni fl-Unjoni;

(e) fil-każ tal-ħamiem, l-annimali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle u jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn isir tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;

(f) ir-rekwiżiti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 61 u 62.

2. L-operaturi għandhom iċċaqilqu biss il-psittacidi għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1;

(b) l-annimali jkunu ġejjin minn stabbiliment fejn ma tkunx ġiet ikkonfermata l-klamidjozi tat-tjur matul l-aħħar 60 jum qabel it-tluq u li, f'każ li tkun ġiet ikkonfermata l-klamidjozi tat-tjur matul l-aħħar 6 xhur qabel it-tluq, ikunu ġew applikati l-miżuri li ġejjin:

(i) l-għasafar infettati u l-għasafar li x'aktarx ikunu infettati jkunu ngħataw trattament;

(ii) wara t-tlestija tat-trattament, ikunu nstabu negattivi f'testijiet tal-laboratorju għall-klamidjozi tat-tjur;

(iii) wara t-tlestija tat-trattament, l-istabbiliment ikun tnaddaf u ġie ddiżinfettat;

(iv) ikunu għaddew mill-inqas 60 jum mit-tlestija tat-tindif u tad-diżinfestazzjoni msemmija fil-punt (iii);

(c) f'każ li l-annimali kienu f'kuntatt mal-għasafar miżmuma minn stabbilimenti fejn saret dijanjożi tal-klamidjozi tat-tjur matul l-aħħar 60 jum qabel it-tluq, jinstabu negattivi f'testijiet tal-laboratorju għall-klamidjozi tat-tjur imwettqa mill-inqas 14-il jum wara l-kuntatt;

(d) l-annimali jiġu identifikati f'konformità mal-Artikolu 76 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplementa d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

## Artikolu 60

**Rekwiżiti għall-movimenti ta' bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma għal Stat Membru ieħor meta dak il-bajd jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) ikun ġej minn stabbiliment irreġistrat jew konfinat;
- (b) ikun ġej minn qatgħat li jkunu nżammu fi stabbiliment irreġistrat jew konfinat;
- (c) ikun ġej minn qatgħat li ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
- (d) jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti relatati mat-tilqim kif previst fl-Artikoli 61 u 62.

## Artikolu 61

**Rekwiżiti fir-rigward ta' tilqim kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle**

Fil-każ fejn l-għasafar miżmuma, il-bajd għat-tifqis tal-għasafar miżmuma jew il-qatgħat tal-orijini tal-bajd għat-tifqis ikunu tlaqqmu kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle b'vaċċini li mhumiex vaċċini inattivati, il-vaċċini amministrati għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-Anness VI.

## Artikolu 62

**Rekwiżiti għall-movimenti ta' għasafar miżmuma u bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma lejn Stat Membru jew żona tiegħu bl-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-għasafar miżmuma tal-ispeċi galliformi u l-bajd għat-tifqis tal-għasafar miżmuma tal-ispeċi galliformi minn Stat Membru jew żona tiegħu li ma għandhomx l-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim għal Stat Membru jew żona tiegħu li għandhom l-istat ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikoli 59 sa 61 għall-komodità speċifika u meta dawk l-annimali u l-bajd għat-tifqis jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward ta' infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle:

- (a) fil-każ ta' għasafar miżmuma:
  - (i) l-annimali ma jkunux imlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
  - (ii) l-annimali jkunu ġew iżolati għal 14-il jum qabel it-tluq, fl-istabbiliment tal-orijini taħt is-supervizzjoni ta' veterinarju uffiċjali jew fi stabbiliment ta' kwarantina approvat, fejn:
    - ma jkunux tlaqqmu għasafar miżmuma kontra l-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
    - ma jkunux ġew introdotti ghasafar ohrajn matul l-aħħar 21 jum qabel it-tluq;
    - ma jkun sar l-ebda tilqim fl-istabbiliment ta' kwarantina;
  - (iii) l-annimali jkunu ttestjaw negattiv, matul l-aħħar 14-il jum qabel it-tluq, għal testijiet seroloġiċi għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus tal-marda ta' Newcastle, imwettqa fuq kampjuni tad-demem f'livell li jagħti 95 % kunfidenza li tinstab infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;
- (b) fil-każ tal-bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma:
  - (i) ma jkunux imlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
  - (ii) ikunu ġejjin minn qatgħat li:
    - jew
    - ma jkunux imlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
    - jew

- ikunu mlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċini inattivati;  
jew
- ikunu mlaqqmin kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċini ħajjin li jissodisfaw il-kriterji fl-Anness VI u jkun sar tilqim mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tal-bajd għat-tifqis.

#### KAPITOLU 6

### **Rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma fi stabbilimenti konfinati**

#### Artikolu 63

### **Rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma minn stabbilimenti oħrajn minbarra stabbilimenti konfinati lejn stabbiliment konfinat**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali terrestri miżmuma, minbarra l-primati, li jiġu minn stabbilimenti oħrajn minbarra stabbiliment konfinat lejn stabbiliment konfinat f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali jkunu soġġetti għal kwarantina għal perjodu xieraq għall-mard elenkat għall-ispeċijiet li għandhom jiġu mċaqilqa u, fi kwalunkwe każ, ta' mill-inqas 30 jum u matul dan il-perjodu jinżammu:

jew

(i) qabel il-moviment tagħhom, fi stabbiliment ta' kwarantina approvat jew f'faċilitajiet ta' kwarantina ta' stabbiliment konfinat ieħor;

jew

(ii) wara l-moviment tagħhom, f'faċilità ta' kwarantina tal-istabbiliment konfinat tad-destinazzjoni finali;

(b) l-annimali ma juru l-ebda sinjal kliniku jew suspett tal-mard elenkat għall-ispeċijiet fil-ħin tal-moviment;

(c) l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-identifikazzjoni stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 rilevanti għall-ispeċi;

(d) l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti għat-tilqim, it-trattament jew l-ittestjar stipulati f'dan ir-Regolament applikabbli għall-moviment tal-annimali.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-primati miżmuma lejn stabbiliment konfinat f'konformità mar-regoli li huma mill-inqas stretti daqs daww imsemmija fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), l-Edizzjoni tal-2018, fl-Artikoli 5.9.1 sa 5.9.5 fir-rigward tal-miżuri ta' kwarantina applikabbli għall-primati u fl-Artikolu 6.12.4 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kwarantina għall-primati minn ambjent mhux ikkontrollat, u tali moviment kien awtorizzat

(a) fil-każ tal-moviment fi ħdan Stat Membru, mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru,

jew

(b) fil-każ tal-moviment lejn Stat Membru ieħor, bi ftehim tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini u tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

#### Artikolu 64

### **Rekwiżiti għall-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma minn stabbilimenti konfinati lejn stabbilimenti konfinati fi Stati Membri oħrajn**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali terrestri miżmuma minn stabbiliment konfinat għal stabbiliment konfinat fi Stat Membru ieħor jekk daww l-annimali ma jippreżentaw l-ebda riskju sinifikanti għat-tixrid tal-mard li għalih huma elenkati, abbażi tar-riżultati tal-pjan ta' sorveljanza li jkopri daww l-annimali.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali miżmuma li jappartjenu għall-familji ta' *Antilocapridae*, *Bovidae*, *Camelidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, *Moschidae* jew *Tragulidae* għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu f'konformità ma', mill-inqas, wieħed mir-rekwiżiti għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza l-moviment ta' tali annimali li ma jissodisfawx mill-inqas waħda mir-rekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu

(a) bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

jew

(b) mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, daww il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

#### KAPITOLU 7

### Regoli speċjali u eżenzjonijiet

#### Artikolu 65

### Regoli speċjali għall-moviment ta' ċirkli u wirjiet tal-annimali itineranti lejn Stati Membri oħrajn

1. L-operaturi ta' ċirkli u wirjiet tal-annimali itineranti għandhom iċaqilqu biss iċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali tagħhom għal Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) huma jipprovdu lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn jinsabu iċ-ċirkli jew il-wirja tal-annimali itineranti b'itinerarju tal-moviment maħsub tagħhom lejn Stat Membru ieħor mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel it-tluq;
- (b) id-dokument ta' moviment imsemmi fl-Artikolu 77 ta r-Regolament Delegat (UE) 2019/2035 li jakkumpanja lill-annimali kollha li għandhom jiġu mċaqilqa jiġi aġġornat kif xieraq,

kif ukoll

- (i) id-dokument ta' identifikazzjoni individwali għal kull kelb, qattus u nemes li għandhom jiġu mċaqilqa, imsemmi fl-Artikolu 71 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jimtela kif xieraq bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(b)(i) u (ii);
  - (ii) id-dokument ta' identifikazzjoni għall-grupp ta' għasafar miżmuma li għandhom jiġu mċaqilqa, kif imsemmi fl-Artikolu 79 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035, jiġi aġġornat kif xieraq.
- (c) matul l-aħħar 12-il xahar qabel it-tluq:
- (i) l-annimali bovini, ovini, kaprini, kamelidi u ċervidi jkun għew soġġetti għal test għal infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I, b'riżultati negattivi;
  - (ii) l-annimali bovini, kaprini u ċervidi jkun għew soġġetti għal test għal infezzjoni bil-kumplex tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) b'wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1 tal-Anness I, b'riżultati negattivi;
  - (iii) il-hamijem ikun tlaqqam kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle;
- (d) l-annimali kollha taċ-ċirkli u tal-wirjiet tal-annimali itineranti kienu spezzjonati mill-veterinarju uffiċjali matul il-perjodu ta' 10 ijiem tax-xogħol qabel it-tluq taċ-ċirkli u l-wirja tal-annimali itineranti u nstabu klinikament f'saħħithom għall-mard elenkat kif applikat għall-ispeċijiet elenkati jew għal kategoriji ta' annimali.

2. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali miżmuma li jappartjenu għall-familji ta' *Antilocapridae*, *Bovidae*, *Camelidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, *Moschidae* jew *Tragulidae* għal Stat Membru ieħor jew żona tiegħu f'konformità ma', mill-inqas, wieħed mir-rekwiżiti għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orġini tista' tawtorizza l-moviment ta' tali annimali li ma jissodisfawx mill-inqas waħda mir-rekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu

(a) bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

jew

(b) mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u mingħajr programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, daww il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

#### Artikolu 66

### **Obbligu tal-awtorità kompetenti fir-rigward tal-moviment taċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti lejn Stati Membri oħrajn**

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orġini għandha tiffirma u tittimbra l-itinerarju msemmi fl-Artikolu 65(1)(a) dment li:

- (a) iċ-ċirklu jew il-wirja tal-annimali itineranti ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali b'rabta ma' marda elenkata għall-ispeċi ta' annimal miżmum fiċ-ċirklu u l-wirja tal-annimali itineranti;
- (b) jiġu mħarsa r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 65;
- (c) id-dokumenti ta' identifikazzjoni kollha li jakkumpanjaw lill-annimali matul il-moviment taċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti jiġu aġġornati kif xieraq u l-annimali jissodisfaw ir-rekwiżiti għat-tilqim, it-trattament jew l-ittestjar stipulati f'dan ir-Regolament applikabbli għall-moviment tal-ispeċijiet rilevanti.

#### Artikolu 67

### **Rekwiżiti għall-movimenti ta' għasafar miżmuma maħsuba għall-wirjiet**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-għasafar miżmuma lejn wirja fi Stat Membru ieħor meta daww l-annimali jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 59.

2. L-operatur tal-wirja, minbarra għall-wirjiet tal-kaċċa waqt it-titjir għall-għasafar tal-priża, għandu jiżgura li:

- (a) id-dħul fil-wirja tal-annimali jkun limitat għall-għasafar miżmuma rreġistrati minn qabel għall-parteċipazzjoni fil-wirja;
- (b) id-dħul fil-wirja tal-għasafar li joriġinaw minn stabbilimenti li jinsabu fl-Istat Membru fejn isseħħ il-wirja ma jipperikolax l-istat ta' saħħa tal-għasafar li jipparteċipaw fil-wirja billi

jew

- (i) ikun meħtieġ l-istess stat ta' saħħa għall-għasafar miżmuma kollha li jipparteċipaw fil-wirja;

jew

- (ii) l-għasafar miżmuma li joriġinaw mill-Istat Membru fejn issir il-wirja jinżammu f'bini jew kompartimenti separati minn għasafar miżmuma li joriġinaw minn Stati Membri oħrajn;
- (c) veterinarju
  - (i) iwettaq kontrolli tal-identità fuq l-għasafar miżmuma li jkunu qed jipparteċipaw fil-wirja qabel id-dħul fil-wirja;
  - (ii) jissorvelja l-kundizzjonijiet kliniċi tal-għasafar mad-dħul tagħhom fil-wirja u matulha.

3. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-għasafar miżmuma mċaqilqa għal wirja f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 jiġu mċaqilqa biss minn tali wirjiet lejn Stat Membru ieħor meta jissodisfaw wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-annimali jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 81;

jew

(b) fil-każ ta' għasafar miżmuma, minbarra l-għasafar tal-priża li hađu sehem f'wirja tal-kaċċa waqt it-titjir, l-annimali jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni maħruġa mill-veterinarju msemmi fil-paragrafu 2(c) li tiddikjara li l-istat ta' saħħa tal-għasafar kif attestat fiċ-ċertifikat oriġinali tas-saħħa tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 81 ma kienx kompromess matul il-wirja, flimkien maċ-ċertifikat oriġinali validu tas-saħħa tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 81 maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għall-moviment tal-għasafar miżmuma lejn il-wirja, anness ma' dik id-dikjarazzjoni;

jew

(c) fil-każ tal-għasafar tal-priża li hađu sehem f'wirja tal-kaċċa waqt it-titjir, l-annimali jkunu akkumpanjati miċ-ċertifikat oriġinali validu tas-saħħa tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 81 maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għall-moviment tal-għasafar tal-priża lejn il-wirja tal-kaċċa waqt it-titjir, dment li dawn jiġu mċaqilqa lura lejn l-Istat Membru tal-oriġini.

4. Il-veterinarju msemmi fil-paragrafu 2(c) għandu joħroġ biss id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 3(b) dment li:

(a) l-annimali jiġu mċaqilqa lura għall-Istat Membru tal-oriġini;

(b) ikunu saru arranġamenti sabiex il-moviment maħsub tal-għasafar miżmuma lejn l-Istat Membru tal-oriġini jitlesta fil-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat oriġinali tas-saħħa tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 81 maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għall-moviment tal-għasafar miżmuma lejn il-wirja;

(c) ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2(b).

#### Artikolu 68

### **Rekwiżiti speċifiċi għall-movimenti ta' ħamiem tat-tiġrija lejn avvenimenti sportivi fi Stat Membru ieħor**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-ħamiem tat-tiġrija lejn avvenimenti sportivi fi Stat Membru ieħor meta dawk l-annimali jissodisfaw il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 59.

#### KAPITOLU 8

### **Ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u notifika tal-moviment**

#### Taqsim 1

### **Rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

#### Artikolu 69

### **Deroga għall-movimenti ta' annimali ekwini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn**

Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali previsti fl-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 ma għandhomx japplikaw għall-moviment ta' annimali ekwini rreġistrati lejn Stat Membru ieħor, dment li:

(a) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tkun awtorizzata id-deroga;

(b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni tkun infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt (c) u fil-punt (d);

(c) l-annimali ekwini miżmuma u mċaqilqa fit-territorji rispettivi tal-Istat Membru tal-oriġini u tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jissodisfaw mill-inqas ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-moviment ta' annimali ekwini miżmuma lejn Stati Membri oħrajn u, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali addizzjonali stipulati fl-Artikolu 22;

(d) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jkollhom sistemi fis-seħħ sabiex jiżguraw it-traċċabbiltà tal-annimali ekwini miżmuma mċaqilqa fil-kundizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 70***Deroga għall-movimenti ta' annimali terrestri taċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti lejn Stati Membri oħrajn**

Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali previsti fl-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 ma għandhomx japplikaw għall-moviment ta' annimali terrestri taċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti lejn Stat Membru ieħor.

*Artikolu 71***Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal ċerti annimali terrestri miżmuma**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss għasafar miżmuma, naħal tal-għasel, naħal bagħli, għajr naħal bagħli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati, primati, klieb, qtates, inmsa jew karnivori oħrajn lejn Stat Membru ieħor jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-operaturi jistgħu jċaqilqu għasafar miżmuma minn wirjiet lura għall-Istat Membru tal-orijini tal-għasafar f'konformità mal-Artikolu 67(3).
3. B'deroga mill-paragrafu 1, iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini għall-moviment ta' għasafar tal-priża mill-istabbiliment fl-Istat Membru tal-orijini lejn wirja tal-kaċċa waqt it-titjir fi Stat Membru ieħor jista' jakkumpanja lil dawn l-għasafar tal-priża matul ir-ritorn tagħhom minn dik il-wirja lejn l-Istat Membru tal-orijini, dment li l-moviment iseħħ fil-perjodu ta' validità ta' dak iċ-ċertifikat.

*Artikolu 72***Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma**

L-operaturi għandhom iċaqilqu biss il-bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma lejn Stat Membru ieħor jekk ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini.

*Taqsim 2***Il-kontenut taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali għall-annimali terrestri miżmuma u l-bajd għat-tifqis***Artikolu 73***Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali bovini miżmuma**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali bovini miżmuma, għajr dawk l-annimali bovini miżmuma msemmija fil-paragrafu 2, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 10, u għal dawk fl-Artikoli 11, 12 u 13, fejn applikabbli.
2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali bovini miżmuma li jġu mċaqilqa direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ lejn biċċerija fi Stat Membru ieħor għal skarnar immedjat, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 14.

*Artikolu 74***Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ovini u kaprini miżmuma**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ovini u kaprini miżmuma, għajr dawk l-annimali ovini u kaprini miżmuma msemmija fil-paragrafi 2 u 3, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti:
  - (a) fil-każ ta' annimali ovini għajr annimali ovini maskili mhux ikkastrati, fl-Artikolu 15(1) u (2);

- (b) fil-każ ta' annimali kaprini, fl-Artikolu 15(1) u (3);
- (c) fil-każ ta' annimali ovini maskili mhux ikkastrati, fl-Artikolu 15(1), (2) u (4);
- (d) fl-Artikolu 17, fejn applikabbli.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ovini u kaprini miżmuma mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis*, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti:

- (a) fl-Artikolu 15(1)(a), (b) u (d) sa (h);
- (b) fl-Artikolu 15(1)(c) jew fl-Artikolu 16;
- (c) fl-Artikolu 17, fejn applikabbli.

3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ovini u kaprini miżmuma li jiġu mċaqilqa direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ lejn biċċerija fi Stat Membru ieħor għal skarnar immedjat, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 18.

#### Artikolu 75

##### **Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali porċini miżmuma**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali porċini miżmuma, għajr dawk l-annimali bovini miżmuma msemija fil-paragrafu 2, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 19, u għal dawk fl-Artikolu 20, fejn applikabbli.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali porċini miżmuma li jiġu mċaqilqa direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ lejn biċċerija fi Stat Membru ieħor għal skarnar immedjat, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 21.

#### Artikolu 76

##### **Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ekwini miżmuma**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ekwini miżmuma, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 22.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-paragrafu 1

- (a) għandu jinħareġ għal annimal ekwin individwali;

jew

- (b) jista' jinħareġ għal konsenja ta' annimali ekwini

- (i) li jintbagħtu direttament lejn Stat Membru ieħor mingħajr ma jgħaddu minn operazzjonijiet ta' assemblaġġ;

jew

- (ii) li jiġu ttrasportati direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ lejn biċċerija għal skarnar immedjat fi Stat Membru ieħor.



*Artikolu 77***Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali kamelidi miżmuma**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali kamelidi miżmuma, għajr dawk l-annimali kamelidi miżmuma msemmija fil-paragrafu 2, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 23, u għal dawk fl-Artikolu 24, fejn applikabbli.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali kamelidi miżmuma li jiġu mċaqilqa direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ lejn biċċerija fi Stat Membru ieħor għal skarnar immedjat, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 25.

*Artikolu 78***Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ċervidi miżmuma**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ċervidi miżmuma, għajr dawk l-annimali ċervidi miżmuma msemmija fil-paragrafu 2, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 26, u għal dawk fl-Artikolu 27, fejn applikabbli.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali ċervidi miżmuma li jiġu mċaqilqa direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ lejn biċċerija fi Stat Membru ieħor għal skarnar immedjat, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 28.

*Artikolu 79***Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal unġulati miżmuma oħrajn**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal unġulati miżmuma oħrajn, għajr dawk l-unġulati miżmuma l-oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 29, u għal dawk fl-Artikolu 30, fejn applikabbli.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal unġulati miżmuma oħrajn li jiġu mċaqilqa direttament jew wara li jgħaddu minn operazzjoni ta' assemblaġġ lejn biċċerija fi Stat Membru ieħor għal skarnar immedjat, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 31.

*Artikolu 80***Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-pollam**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-pollam, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti:

- (a) fil-każ tal-pollam għat-tniissil u tal-pollam produttiv, fl-Artikolu 34 u fl-Artikoli 41 u 42, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika ta' pollam;
- (b) fil-każ ta' pollam għall-iskarnar, fl-Artikolu 35 u fl-Artikoli 41 u 42, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika ta' pollam;

- (c) fil-każ ta' flieles ta' ġurnata, fl-Artikolu 36 u fl-Artikoli 41 u 42, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika ta' pollam;
- (d) fil-każ ta' inqas minn 20 tajra minbarra r-ratiti, fl-Artikolu 37 u fl-Artikoli 41 u 42, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika ta' pollam.

#### Artikolu 81

##### **Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal għasafar miżmuma**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal għasafar miżmuma, għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 59, u għal dawk fl-Artikoli 61 u 62, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika tal-għasafar.
2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal għasafar miżmuma maħsuba għall-wirjiet, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 67(1).
3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal ħamiehem tat-tiġrija, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 68.

#### Artikolu 82

##### **Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal bajd għat-tifqis tal-pollam**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal bajd għat-tifqis tal-pollam, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 161(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti:

- (a) fil-każ ta' bajd għat-tifqis tal-pollam, għajr dawk imsemmija fil-punti (b) u (c), fl-Artikolu 38 u fl-Artikoli 41 u 42, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika ta' bajd;
- (b) fil-każ ta' inqas minn 20 bajda għat-tifqis tal-pollam minbarra r-ratiti, fl-Artikolu 39 u fl-Artikoli 41 u 42, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika ta' bajd;
- (c) fil-każ ta' bajd tal-pollam ħieles minn patoġeni speċifikati, fl-Artikolu 40.

#### Artikolu 83

##### **Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal bajd għat-tifqis tal-għasafar miżmuma, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 72, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 2 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 60 u fl-Artikoli 61 u 62, fejn applikabbli, għall-kategorija speċifika ta' bajd.

#### Artikolu 84

##### **Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal naħal tal-għasel u naħal baġhli**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal naħal tal-għasel, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 48, u fl-Artikoli 49 u 50, fejn applikabbli.
2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal naħal baġhli, għajr naħal baġhli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 51.

*Artikolu 85***Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-primati**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-primati, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 47.

*Artikolu 86***Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal klieb, qtates u inmsa**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal klieb, qtates u inmsa, għajr dawk il-klieb, il-qtates u l-inmsa msemija fil-paragrafu 2, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 53, u fl-Artikolu 54, fejn applikabbli.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal klieb, qtates u inmsa miżmuma bħala annimali domestiċi, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII, attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 55, u fl-Artikolu 56, fejn applikabbli, u link għad-dokument ta' identifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 71 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2035.

*Artikolu 87***Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal karnivori oħrajn**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal karnivori oħrajn, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 71(1), għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 58.

*Artikolu 88***Dettalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali terrestri mċaqilqa minn stabbiliment konfinat lejn stabbiliment konfinat fi Stat Membru ieħor**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali terrestri li jiġu mċaqilqa minn stabbiliment konfinat lejn stabbiliment konfinat fi Stat Membru ieħor, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orìġini f'konformità mal-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 jew mal-Artikolu 71(1) ta' dan ir-Regolament, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 1 tal-Parti 1 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 64.

## Taqsimha 3

**Rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għal tipi speċifiċi ta' movimenti ta' annimali terrestri miżmuma***Artikolu 89***Ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-moviment ta' unġulati u pollam minn ġo stabbilimenti li jwettqu operazzjonijiet ta' assemblaġġ**

L-awtorità kompetenti għandha toħroġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikoli 73 sa 80 għall-moviment lejn Stat Membru ieħor ta' unġulati u pollam soġġetti għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ kif ġej:

- (a) il-kontrolli u l-eżamijiet dokumentarji, tal-identità u fiżiċi msemmija fl-Artikolu 91(1) jitwettqu qabel jinħareġ l-ewwel ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikoli 73 sa 80

jew

- (i) fl-istabbiliment tal-orìġini, meta l-annimali jkunu destinati għal

— moviment dirett lejn stabbiliment approvat għal operazzjonijiet ta' assemblaġġ fl-Istat Membru tal-passaġġ;

jew

- operazzjoni ta' assemblaġġ fuq mezz tat-trasport fl-Istat Membru tal-orìġini sabiex jiġu mċaqilqa direttament lejn Stat Membru ieħor;

jew

- (ii) fi stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, fejn l-assemblaġġ tal-annimali jkun sar fl-Istat Membru tal-orìġini sabiex jintbagħtu lejn Stat Membru ieħor;

jew

- (iii) fi stabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ fi Stat Membru tal-passaġġ, f'każ li l-annimali jkunu ġew soġġetti għal operazzjoni ta' assemblaġġ f'tali Stat Membru;

(b) iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikoli 73 sa 80 jimtela abbażi tal-informazzjoni uffiċjali:

- (i) disponibbli għall-veterinarju uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni li jkun wettaq il-kontrolli u l-eżamijiet imsemmija fil-punt (a)(i) u (ii) fl-Istat Membru tal-orìġini;

jew

- (ii) ipprovduta fl-ewwel jew it-tieni ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fl-Artikoli 73 sa 80 disponibbli għall-veterinarju uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni li jkun wettaq il-kontrolli u l-eżamijiet imsemmija fil-punt (a)(iii) fl-Istat Membru tal-passaġġ, meta tkun saret żjara f'wieħed.

#### Artikolu 90

### **Ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-ungulati u l-pollam miżmuma maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi waqt il-moviment tagħhom mill-Istat Membru tal-orìġini minn got-territorju ta' Stati Membri oħrajn sal-fruntiera esterna tal-Unjoni**

L-operaturi għandhom jiżguraw li l-ungulati jew il-pollam miżmuma maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u li jkunu qegħdin jiġu ttrasportati lejn il-fruntiera esterna tal-Unjoni minn ġo Stat Membru ieħor ikunu akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa li fihom ikun attestat li:

- (i) l-annimali huma konformi mill-inqas mar-rekwiżiti f'konformità ma' dan il-Kapitolu għall-moviment tal-ungulati jew il-pollam miżmuma maħsuba għall-iskarnar fl-Istat Membru fejn jinsab il-punt tal-ħruġ;

kif ukoll

- (ii) fil-każ ta' annimali tal-ispeċijiet elenkati għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), l-annimali jkunu konformi mill-inqas mal-Artikolu 33 meta l-punt tal-ħruġ ikun jinsab fi Stat Membru jew żona tiegħu bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24).

#### Taqsim 4

### **Regoli dwar ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

#### Artikolu 91

### **Ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

1. Qabel ma jiffirma ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq it-tipi ta' kontrolli u eżamijiet dokumentarji, tal-identità u fiżiċi li ġejjin sabiex jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti:

- (a) b'rabta mal-ungulati miżmuma, kontroll tal-identità u eżami kliniku tal-annimali tal-konsenja għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett ta' mard elenkat rilevanti għall-ispeċi.
- (b) fir-rigward tal-pollam għat-tniġġ, il-pollam produttiv u inqas minn 20 tajra minbarra r-ratiti, kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment, kontroll tal-identità tal-annimali tal-konsenja u spezzjoni klinika tal-qatgħa tal-orìġini u tal-annimali tal-konsenja għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
- (c) fir-rigward tal-pollam maħsuba għall-iskarnar, kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment, kontroll tal-identità tal-annimali tal-konsenja u spezzjoni klinika tal-qatgħa tal-orìġini għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;

- (d) fir-rigward tal-flieles ta' ġurnata, kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment tal-qatgħa tal-orìġini għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
- (e) fir-rigward tal-għasafar miżmuma:
- (i) kontroll tal-identità tal-annimali tal-konsenja;
  - (ii) kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment u spezzjoni klinika tal-qatgħa tal-orìġini u tal-annimali tal-konsenja għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
- (f) fir-rigward tal-bajd għat-tifqis tal-pollam, kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment tal-qatgħa tal-orìġini u, fejn applikabbli, ir-rekords miżmuma fil-mafqas tad-dispaċċ kontroll tal-identità tal-bajd għat-tifqis u
- jew
- (i) spezzjoni klinika tal-qatgħa tal-orìġini għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
- jew
- (ii) żjarat ta' spezzjoni tas-saħħa ta' kull xahar tal-istat ta' saħħa tal-qatgħa tal-orìġini u evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa attwali tagħha kif ivvalutat mill-informazzjoni aġġornata pprovduta mill-operatur;
- (g) fir-rigward tal-bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma, kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa u tal-produzzjoni miżmuma fl-istabbiliment, kontroll tal-identità tal-bajd għat-tifqis u spezzjoni klinika tal-qatgħa tal-orìġini għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
- (h) fir-rigward ta' naħal tal-għasel u naħal bagħli kontroll tal-identità u
- jew
- (i) eżami viżiv tal-annimali, l-imballaġġ tagħhom u kwalunkwe għalf jew materjal ieħor ta' akkumpanjament bl-iskop li tinstab okkorrenza ta' pesta Amerikana, *Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) u *Tropilaelaps spp.* għan-naħal tal-għasel jew *Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) għan-naħal bagħli;
- jew
- (ii) fir-rigward tal-irġeġjen tan-naħal tal-għasel li għandhom jiġu ċċertifikati taħt deroga prevista fl-Artikolu 49, kontroll dokumentarju tar-rekords tal-ispezzjoni tas-saħħa ta' kull xahar matul l-istaġun tal-produzzjoni, eżami viżiv tal-gaġeġ individwali tagħhom għall-iskop ta' verifika tan-numru massimu ta' attendenti għal kull gaġġa u eżami viżiv tal-annimali, l-imballaġġ tagħhom u kwalunkwe għalf jew materjal ieħor ta' akkumpanjament bl-iskop li tinstab okkorrenza ta' pesta Amerikana, *Aethina tumida* (ħanfusa żgħira tal-ġabsala) u *Tropilaelaps spp.*;
- (i) fir-rigward tal-primati, kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa, kontroll tal-identità u eżami kliniku, u fejn dan ma jkunx possibbli, spezzjoni klinika tal-annimal(i) tal-konsenja għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
  - (j) fir-rigward ta' klieb, qtates, inmsa u karnivori oħrajn, kontroll tal-identità u eżami kliniku u, fejn dan ma jkunx possibbli, spezzjoni klinika, tal-annimali tal-konsenja għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi;
  - (k) fir-rigward ta' annimali terrestri minn stabbiliment konfinat li jiġu mċaqilqa lejn stabbiliment konfinat fi Stat Membru ieħor, kontroll dokumentarju tar-rekords tas-saħħa, kontroll tal-identità u eżami kliniku, u fejn dan mhux possibbli, spezzjoni klinika, tal-annimali tal-kunsinna għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett tal-mard elenkat rilevanti għall-ispeċi.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq il-kontrolli u l-eżamijiet dokumentarji, tal-identità u fiżiċi previsti fil-paragrafu 1 u joħroġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali:
- (a) fl-aħħar 24 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini jew, fejn applikabbli, mill-istabbiliment approvat għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, fir-rigward tal-ungulati miżmuma, għajr annimali ekwini;
  - (b) fl-aħħar 48 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini fir-rigward tal-annimali ekwini jew, fil-każ tal-annimali ekwini msemmija fl-Artikolu 92(2), fl-aħħar jum tax-xogħol qabel it-tluq;

- (c) fl-aħħar 48 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tal-pollam għat-tniissil, il-pollam produttiv, inqas minn 20 tajra minbarra r-ratiti u għasafar miżmuma;
  - (d) fl-aħħar 5 jjiem qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tal-pollam maħsub għall-iskarnar;
  - (e) fl-aħħar 24 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tal-flieles ta' ġurnata;
  - (f) fir-rigward ta' bajd għat-tifqis tal-pollam:
    - (i) fl-aħħar 72 siegħa qabel it-tluq tal-bajd għat-tifqis mill-istabbiliment tal-orìġini, fil-każ tal-kontrolli dokumentarji, il-kontrolli tal-identità, l-ispezzjoni klinika tal-qatgħa tal-orìġini u l-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa attwali tagħha kif ivvalutat mill-informazzjoni aġġornata pprovduta mill-operatur;
    - (ii) fi żmien l-aħħar 31 jum qabel it-tluq tal-bajd għat-tifqis mill-istabbiliment tal-orìġini, fil-każ taż-żjarat ta' spezzjoni tas-saħħa ta' kull xahar tal-qatgħa tal-orìġini;
  - (g) fl-aħħar 48 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tal-bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma;
  - (h) fl-aħħar 48 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tan-naħal tal-għasel u tan-naħal bagħli u fl-aħħar 24 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tal-irġeġjen tan-naħal tal-għasel li jridu jiġu ċċertifikati skont id-deroga;
  - (i) fl-aħħar 48 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tal-primati;
  - (j) fl-aħħar 48 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward ta' klieb, qtates, inmsa u karnivori oħrajn;
  - (k) fi żmien l-aħħar 48 siegħa qabel it-tluq mill-istabbiliment tal-orìġini, fir-rigward tal-annimali terrestri minn stabbiliment konfinat għal stabbiliment konfinat fi Stat Membru ieħor.
3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jkun validu għal 10 jjiem mid-data tal-ħruġ tiegħu, mingħajr preġudizzju għad-deroġi stabbiliti taħt l-Artikolu 92.

#### Artikolu 92

#### Deroga mid-durata tal-validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali

1. B'deroga mill-Artikolu 91(3), fil-każ tat-trasport tal-annimali bil-passaġġi fuq l-ilma jew bil-baħar, il-perjodu ta' 10 jjiem għall-validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ bil-passaġġi fuq l-ilma jew bil-baħar.
2. B'deroga wkoll mill-Artikolu 91(3), iċ-ċertifikat għall-annimali ekwini msemmi fl-Artikolu 76(2)(a) għandu jkun validu għal 30 jum dment li:
  - (a) l-annimal ekwin li għandu jiġi mċaqlaq ikun akkumpanjat mid-dokument ta' identifikazzjoni uniku għat-tul tal-ħajja tiegħu kif previst fl-Artikolu 114(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429, li jinkludi marka ta' validazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti jew mill-korp li lili ġiet iddelegata din l-attività, għal perjodu ta' mhux aktar minn 4 snin, biex jiġi ddokumentat li l-annimal huwa normalment residenti fi stabbiliment rikonoxxut mill-awtorità kompetenti bħala stabbiliment b'riskju ta' saħħa baxx minħabba li jsirulu żjarat tas-saħħa tal-annimali frekwenti, kontrolli tal-identità u ttestjar tas-saħħa addizzjonali u minħabba li ma jsirx tgħammir naturali fl-istabbiliment, għajr f'bini separat u ddedikat għal dak l-iskop;
- jew
- (b) l-annimal ekwin irreġistrat li għandu jiġi mċaqlaq ikun akkumpanjat mid-dokument ta' identifikazzjoni uniku għat-tul tal-ħajja tiegħu kif previst fl-Artikolu 114(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429, li jinkludi liċenzja maħruġa għal perjodu ta' mhux aktar minn 4 snin għall-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet ekwistri mill-federazzjoni nazzjonali tal-Fédération Equestre Internationale jew għall-parteċipazzjoni f'tiġrijiet mill-awtorità kompetenti tat-tiġrijiet, u li jiddokumenta mill-inqas żewġ żjarat fis-sena minn veterinarju, inklużi dawk li huma meħtieġa sabiex isiru t-tilqim regolari kontra l-influenza ekwina u l-eżamijiet meħtieġa għall-movimenti lejn Stati Membri oħrajn jew lejn pajjiżi terzi.
3. Matul il-perjodu ta' validità, iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun biżżejjed għal
  - (a) aktar minn dħul wieħed fi Stati Membri oħrajn;
  - (b) ir-ritorn lejn l-istabbiliment tat-tluq indikat fih.

## Taqsimha 5

**Regoli dettaljati dwar in-notifika tal-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma u bajd għat-tifqis lejn Stati Membri oħrajn**

## Artikolu 93

**Notifika bil-quddiem mill-operaturi dwar il-moviment ta' naħal baġhli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati bejn l-Istati Membri**

Fil-każ ta' naħal baġhli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati li jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor, l-operatur tal-istabbiliment tal-orijini għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini bil-quddiem dwar it-tluq ta' dak in-naħal baġhli.

## Artikolu 94

**Notifika bil-quddiem mill-operaturi taċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti meta jkollhom il-ħsieb li jċaqilqu annimali terrestri bejn l-Istati Membri**

Fil-każ taċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti li jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor, l-operatur taċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini mill-inqas 10 ijiem qabel it-tluq ta' dawk iċ-ċirkli u l-wirjiet tal-annimali itineranti.

## Artikolu 95

**Notifika bil-quddiem mill-operaturi dwar il-moviment ta' bajd għat-tifqis ta' għasafar miżmuma bejn l-Istati Membri**

Fil-każ ta' bajd għat-tifqis tal-għasafar miżmuma li jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor, l-operatur tal-istabbiliment tal-orijini għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini bil-quddiem dwar il-moviment intenzjonat ta' dawk il-prodotti ġerminali.

## Artikolu 96

**Obbligu ta' informazzjoni tal-operaturi dwar in-notifika tal-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-orijini tagħhom kif previst fl-Artikolu 152 tar-Regolament (UE) 2016/429 għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni dwar kull konsenja ta' annimali terrestri miżmuma li għandhom jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor kif previst:

- (a) fil-punti 1(a) sa (d) fil-Parti 1 tal-Anness VIII dwar l-annimali terrestri miżmuma, għajr naħal baġhli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati li għandu jiġi mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor;
- (b) fil-parti 2 tal-Anness VIII dwar naħal baġhli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati.

## Artikolu 97

**Obbligu ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti dwar in-notifika tal-movimenti ta' annimali terrestri miżmuma lejn Stati Membri oħrajn**

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini li tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 153(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 għandha tippovdi l-informazzjoni dwar kull konsenja ta' annimali terrestri miżmuma li għandhom jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor kif previst:

- (a) fil-punti 1(a) sa (d) fil-Parti 1 tal-Anness VIII dwar l-annimali terrestri miżmuma, għajr naħal baġhli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati li għandu jiġi mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor;
- (b) fil-parti 2 tal-Anness VIII dwar naħal baġhli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati.

*Artikolu 98***Notifika dwar il-movimenti ta' bajd għat-tifqis lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-orìgini tagħhom f'konformità mal-Artikolu 163 tar-Regolament (UE) 2016/429 u mal-Artikolu 95 ta' dan ir-Regolament, għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni prevista fil-punti 2(a) sa (e) fil-Parti 1 tal-Anness VIII dwar kull konsenja ta' bajd għat-tifqis li għandu jiġi mċaqlaq lejn Stat Membru ieħor.

*Artikolu 99***Proċeduri ta' emerġenza**

Fil-każ ta' qtugħ tal-enerġija u disturbi oħrajn tal-IMSOC, l-awtorità kompetenti tal-post tal-orìgini tal-annimali terrestri miżmuma jew tal-bajd għat-tifqis li għandhom jiġu mċaqlaq lejn Stat Membru ieħor għandha tikkonforma mal-arranġamenti ta' kontinġenza stabbiliti skont l-Artikolu 134(d) tar-Regolament (UE) 2017/625.

*Artikolu 100***Deżinjazzjoni tar-reġjuni għall-ġestjoni tan-notifiki tal-movimenti**

Huma u jiddeżinjaw ir-reġjuni għall-ġestjoni tan-notifiki tal-movimenti previsti fl-Artikoli 97 u 98, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) il-partijiet kollha tat-territorju tagħhom ikunu koperti minn mill-inqas reġjun wieħed;
- (b) kull reġjun iddeżinjat jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità kompetenti ddeżinjata għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali f'dak ir-reġjun;
- (c) l-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġjun iddeżinjat ikollha aċċess għall-IMSOC;
- (d) il-persunal tal-awtorità kompetenti responsabbli għar-reġjun iddeżinjat ikollu l-abbiltà u l-għarfien xierqa, u jkun ingħata taħriġ speċifiku, jew ikollu esperjenzi prattiċi ekwivalenti fl-użu tal-IMSOC għall-produzzjoni, l-immaniġġjar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni prevista fl-Artikoli 97 u 98.

## PARTI III

**IL-MOVIMENTI TA' ANNIMALI TERRESTRI SELVAĠĠI***Artikolu 101***Rekwiżiti għall-moviment ta' annimali terrestri selvaġġi lejn Stati Membri oħrajn**

1. L-operaturi għandhom iċaqilqu biss l-annimali terrestri selvaġġi mill-habitat tal-orìgini tagħhom billi jgħabbuom direttament fuq mezz tat-trasport sabiex jittieħdu lejn habitat jew stabbiliment fi Stat Membru ieħor mingħajr mal-annimali jidħlu fi kwalunkwe stabbiliment fl-Istat Membru tal-orìgini.

2. L-operaturi u t-trasportaturi għandhom jiżguraw li l-mezzi tat-trasport użati għat-trasportazzjoni ta' annimali terrestri selvaġġi, għajr naħal tal-għasel u naħal bagħli:

- (a) jinbnew b'tali mod li
  - (i) l-annimali ma jkunux jistgħu jaħarbu jew jaqgħu;
  - (ii) tkun tista' ssir spezzjoni viżiva tal-annimali fuq il-mezzi tat-trasport;
  - (iii) jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ tal-eskrementi, tal-imfierex jew tal-għalf tal-annimali;
  - (iv) fil-każ tal-għasafar, jiġi evitat jew minimizzat il-ħruġ tar-rix;
  - (v) fejn meħtieġ, l-annimali jkunu jistgħu jitrażżnu jew jiġu ttrasportati mraqqda;
- (b) jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati minnufih wara kull trasport ta' annimali, jew kwalunkwe oġġett li jirrappreżenta riskju għas-saħħa tal-annimali u, jekk ikun meħtieġ, jiġu ddiżinfettati mill-ġdid u, fi kwalunkwe każ, jitnixxfu jew jitħallew jinxfu qabel kwalunkwe tagħbija ġdida ta' annimali.



3. L-operaturi u t-trasportaturi għandhom jiżguraw li l-kontenituri li fihom jiġu ttrasportati l-annimali terrestri selvaġġi, għajr naħal tal-għasel u naħal bagħli:

- (a) ikunu konformi mal-kundizzjonijiet fil-punt 2(a);
- (b) ikun fihom biss annimali selvaġġi tal-istess speċi li jkunu ġejjin mill-istess habitat;
- (c) jiġu mmarkati bl-ispeċi u n-numru ta' annimali;
- (d) ikunu jew kontenituri mhux użati u mhux riutilizzabbli ddisinjati għal skop speċifiku li jinqerdu wara l-ewwel użu jew inkella jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati wara li jintużaw u jitnixxfu jew jitħallew jinxfu qabel kwalunkwe użu sussegwenti.

4. L-operaturi għandhom biss iċaqalqu l-annimali selvaġġi terrestri mill-habitat tagħhom ta' oriġini lejn habitat jew stabbiliment fi Stat Membru ieħor meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

- (a) il-maġġoranza tal-annimali tal-konsenja jkunu ilhom residenti fil-habitat tal-oriġini għal mill-inqas 30 jum qabel it-tluq, jew mit-twelid, jekk ikunu iżgħar minn 30 jum, u matul dan il-perjodu ma kinux f'kuntatt ma' annimali miżmuma bi stat ta' saħħa aktar baxx jew soġġetti għal restrizzjonijiet ta' moviment għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali jew inkella ma' annimali miżmuma li jkunu ġejjin minn stabbiliment li ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b);
- (b) kwalunkwe annimal li jidhöl fl-Unjoni minn pajjiż terz jew territorju matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq tal-annimali msemmija fil-paragrafu (1) u introdott fi stabbiliment li jinsab fil-habitat fejn ikunu residenti dawk l-annimali, jinżamm separat sabiex b'hekk jiġi evitat kull kuntatt dirett u indirett mal-annimali l-oħrajn kollha f'dak l-istabbiliment u fil-habitat;
- (c) dawk l-annimali jkunu ġejjin minn habitat fejn ma jkunux ġew irrapportati l-mard u l-infezzjonijiet li ġejjin matul il-perjodi ta' żmien stipulati:
  - (i) infezzjoni bil-virus tar-rabja matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
  - (ii) infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'annimali terrestri selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar 42 jum qabel it-tluq;
  - (iii) infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali terrestri selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar 42 jum qabel it-tluq;
  - (iv) infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika fraġġ ta' 150 km f'annimali terrestri selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati għal dik il-marda matul l-aħħar sentejn qabel it-tluq;
  - (v) antraċe fungulati matul l-aħħar 15-il jum qabel it-tluq;
  - (vi) surra (*Trypanosoma evansi*) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq;
- (d) meta dawk l-annimali jkunu jappartjenu għall-familji ta' *Antilocapridae*, *Bovidae*, *Camelidae*, *Cervidae*, *Giraffidae*, *Moschidae* jew *Tragulidae*, il-habitat tal-oriġini għandu jkun f'konformità ma', mill-inqas, wieħed mir-rekwiżiti għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) stabbiliti fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
- (e) dawk l-annimali mhumieq magħrufa li kienu f'kuntatt ma' annimali terrestri selvaġġi li ma ssodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (c) matul l-aħħar 30 jum qabel it-tluq.

5. B'deroga mill-paragrafu 4(d), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini tista' tawtorizza l-moviment ta' annimali terrestri selvaġġi li ma jissodisfawx mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti stipulati fil-punti 1 sa 3 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 lejn Stat Membru ieħor jew żona tiegħu:

- (a) bi stat ta' ħelsien mill-mard jew bi programm ta' eradikazzjoni approvat għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li tali movimenti huma awtorizzati fil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

jew

- (b) mingħajr stat ta' ħelsien mill-mard u programm ta' eradikazzjoni approvat rigward infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24), jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jkun informa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li huma awtorizzati tali movimenti. Jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' tali moviment, daww il-kundizzjonijiet għandhom ikunu kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti 5 sa 8 tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

#### Artikolu 102

##### **Detalji dwar il-kontenut ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali terrestri selvaġġi**

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali terrestri selvaġġi, li jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini f'konformità mal-Artikolu 155(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandu jkun fih l-informazzjoni ġenerali prevista fil-punt 3 tal-Anness VIII u attestazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 101(4) u daww fl-Artikolu 101(5) ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli.

#### Artikolu 103

##### **Regoli dwar ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' annimali terrestri selvaġġi lejn Stati Membri oħrajn**

1. Qabel jiffirma ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali previst fl-Artikolu 102 għall-moviment ta' annimali terrestri selvaġġi, il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq it-tipi ta' kontrolli tal-identità u eżamijiet li ġejjin:
  - (a) eżami tal-informazzjoni disponibbli li turi li r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 101(4) huma ssodisfati;
  - (b) kontroll tal-identità;
  - (c) eżami kliniku jew, meta dan ma jkunx possibbli, spezzjoni klinika tal-annimali tal-konsenja għall-iskop ta' sejbien ta' sinjali kliniċi jew suspett ta' mard elenkat jew emerġenti rilevanti għall-ispeċi.
2. Il-veterinarju uffiċjali għandu jwettaq il-kontroll dokumentarju, il-kontroll tal-identità u l-kontrolli fiżiċi u l-eżamijiet kif previst fil-paragrafu 1 u joħroġ iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali fl-aħħar 24 siegħa qabel it-tluq tal-konsenja mill-habitat.
3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għandu jkun validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ tiegħu.
4. B'deroga mill-paragrafu 3, fil-każ tat-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma jew bil-baħar ta' annimali terrestri selvaġġi, il-perjodu ta' 10 ijiem għall-validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali jista' jiġi estż bid-durata tal-vjaġġ bil-passaġġi fuq l-ilma jew bil-baħar.

#### Artikolu 104

##### **Rekwiżiti għan-notifika bil-quddiem mill-operaturi tal-movimenti ta' annimali terrestri selvaġġi lejn Stati Membri oħrajn**

L-operaturi minbarra trasportaturi li jċaqilqu annimali terrestri selvaġġi lejn Stat Membru ieħor għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini mill-inqas 24 siegħa qabel it-tluq tal-konsenja.

#### Artikolu 105

##### **Obbligu tal-operaturi dwar in-notifika tal-movimenti ta' annimali terrestri selvaġġi lejn Stati Membri oħrajn**

Għall-finijiet tan-notifika msemmija fl-Artikolu 155(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-operaturi minbarra trasportaturi li jċaqilqu annimali terrestri selvaġġi lejn Stat Membru ieħor għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-orijini bl-informazzjoni prevista fl-Artikolu 145(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u fil-punti 3(a) sa (d) fil-Parti I tal-Anness VIII dwar kull konsenja ta' daww l-annimali li għandhom jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor.

*Artikolu 106***Ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti fir-rigward tan-notifika tal-movimenti ta' animali terrestri selvaġġi lejn Stati Membri oħrajn**

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-orijini li tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 155(1)(d) tar-Regolament (UE) 2016/429, għandha ttipprovdi l-informazzjoni prevista fil-punti 3(a) sa (d) fil-Parti 1 tal-Anness VIII dwar kull konsenja ta' animali terrestri selvaġġi li għandhom jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor.

*Artikolu 107***Proċeduri ta' emerġenza**

Fil-każ li jinqata' d-dawl u disturbi oħrajn tal-IMSOC, l-awtorità kompetenti tal-post tal-orijini ta' animali terrestri selvaġġi għandha tikkonforma mal-arranġamenti ta' kontinġenza stabbiliti skont l-Artikolu 134(d) tar-Regolament (UE) 2017/625.

## PART IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI***Artikolu 108*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX I

## METODI DIJANJOSTIĊI

## Parti 1

**Infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis***

1. Testijiet seroloġiċi għal annimali bovini, ovini, kaprini u kamelidi:
  - (a) testijiet b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat;
  - (b) test ta' fissazzjoni tal-komplement (CFT);
  - (c) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu indirett (I-ELISA);
  - (d) assaġġ tal-polarizzazzjoni tal-fluworexxenza (FPA);
  - (e) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu kompetittiv (C-ELISA).
2. Testijiet seroloġiċi għal annimali porċini:
  - (a) testijiet b'antiġene ta' *Brucella* bbaferjat;
  - (b) test ta' fissazzjoni tal-komplement (CFT);
  - (c) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu indirett (I-ELISA);
  - (d) assaġġ tal-polarizzazzjoni tal-fluworexxenza (FPA);
  - (e) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu kompetittiv (C-ELISA).
3. Test tal-ġilda bil-brucellina (BST) għal annimali ovini, kaprini u porċini

## Parti 2

**Infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*)**

1. Testijiet tal-ġilda bit-tuberkulina:
  - (a) it-test tat-tuberkulina intradermali uniku (SITT);
  - (b) it-test tat-tuberkulina intradermali komparattiv (CITT).
2. Test disponibbli għall-kampjuni tad-demmm:
  - (a) assaġġ tal-gamma interferon.

## Parti 3

**Surra (*Trypanosoma evansi*)**

Testijiet seroloġiċi:

- (a) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu (ELISA) għal tripanosomjażi;
- (b) test ta' agglutinazzjoni tal-kards għal tripanosomjażi (CATT) f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1:4.

## Parti 4

**Lewkożi enzootika bovina**

Testijiet seroloġiċi:

- (a) testijiet għall-kampjuni tad-demmm:
  - (i) test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (AGID);

- (ii) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu li jimblokka (B-ELISA);
  - (iii) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu indirett (I-ELISA).
- (b) test għall-kampjuni tal-ħalib:
- (i) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu indirett (I-ELISA).

## Parti 5

**Rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva**

	Metodi:
Annimali bovini mhux imlaqqmin	BoHV-1 I-ELISA <sup>(a)</sup>
	gB B-ELISA <sup>(b)</sup>
Annimali bovini mlaqqma b'vaċċin bil-gE mħassar	gE B-ELISA <sup>(c)</sup>

<sup>(a)</sup> assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu (ELISA) għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-virus sħiħ tal-BoHV-1.

<sup>(b)</sup> ELISA għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-proteina gB tal-BoHV-1. Meta ssir referenza għal testijiet sabiex jinstabu antikorpi kontra l-BoHV-1 sħiħ, jista' jintuża wkoll dan il-metodu.

<sup>(c)</sup> ELISA għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-proteina gE tal-BoHV-1.

## Parti 6

**Dijarea virali bovina**

1. Metodi diretti:
  - (a) traskriptazi inversa u reazzjoni katina bil-polimerażi f'ħin reali (RT-PCR f'ħin reali);
  - (b) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu (ELISA) għas-sejbien ta' antiġene ta' virus tad-dijarea virali bovina (BVDV).
2. Testijiet seroloġiċi:
  - (a) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu indirett (I-ELISA);
  - (b) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu li jimblokka (B-ELISA).

## Parti 7

**Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky**

	Metodi:
Annimali porċini	Il-virus tal-marda ta' Aujeszky (ADV) ELISA <sup>(a)</sup>
Annimali porċini li jkollhom inqas minn 4 xhur imwiela minn ommijiet li jkunu tlaqqmu b'vaċċin bil-gE mħassar	gE ELISA <sup>(b)</sup>

<sup>(a)</sup> ELISA għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-ADV sħiħ, il-proteina ta' ADV-gB jew il-proteina ta' ADV-gD. Għall-kontroll tal-lottijiet ta' kits ta' ADV-gB u kits ta' ADV-gD jew kits ta' ADV sħiħ, is-serum ta' referenza tal-Komunità ADV 1, jew is-substandards, iridu jirriżultaw pożittivi f'dilwizzjoni ta' 1:2.

<sup>(b)</sup> ELISA għas-sejbien ta' antikorpi kontra l-proteina ADV-gE. Għall-kontroll tal-lottijiet, is-serum ta' referenza tal-Komunità ADV 1, jew is-substandards, iridu jirriżultaw pożittivi f'dilwizzjoni ta' 1:8.

## Parti 8

**Durina**

Test ta' fissazzjoni tal-komplement għad-durina, f'dilwizzjoni tas-serum ta' 1:5.

## Parti 9

**Anemija infettiva ekwina**

Testijiet seroloġiċi:

- (a) test tal-immunodiffużjoni fil-ġell tal-agar (AGID);
- (b) assaġġ ta' immunoassorbiment enzimatiċu (ELISA) għal anemija infettiva ekwina.

## Parti 10

**Enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela**

1. Testijiet seroloġiċi:

- (a) test ta' iżolament virali għal enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela;
- (b) test tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għal enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela;

2. Metodu dirett:

traskrizzjoni inversa u reazzjoni katina bil-polimerażi (RT-PCR) għas-sejbien ta' ġenoma tal-virus ta' enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela.

—

## ANNEX II

**REKWIŻITI MINIMI QABEL IL-MOVIMENT FIR-RIGWARD TA' INFEZZJONI BIL-KUMPLESS TAL-MYCOBACTERIUM TUBERCULOSIS (M. BOVIS, M. CAPRAE U M. TUBERCULOSIS) F'ANIMALI KAPRINI, KAMELIDI U ĊERVIDI**

## Parti 1

**Rekwiżiti minimi għal programm qabel il-moviment fir-rigward ta' infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (M. bovis, M. caprae u M. tuberculosis) f'animali kaprini**

1. Il-programm ta' sorveljanza qabel il-moviment għas-sejbien ta' infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fi stabbiliment għall-iskop ta' moviment lejn Stat Membru ieħor ta' animali kaprini miżmuma kif imsemmi fl-Artikolu 15(3) irid jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
  - (a) spezzjoni post-mortem tal-animali kaprini skarnati kollha mill-istabbiliment;
  - (b) eżami post-mortem tal-bhejjem mejta tal-animali kaprini kollha li għandhom aktar minn 9 xhur, sakemm ma jkunx impossibbli għal raġunijiet loġistiċi jew mhux neċessarju għal raġunijiet xjentifiċi;
  - (c) żjara tas-saħħa tal-animali annwali mwettqa minn veterinarju;
  - (d) ittestjar annwali tal-animali kaprini kollha miżmuma fl-istabbiliment għal skopijiet ta' tgħammir, b'riżultati negattivi.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ittestjar annwali previst fil-punt 1(d) ma hemmx bżonn li jkun meħtieġ jekk l-awtorità kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji, tqis ir-riskju ta' infezzjoni bħala negliġibbli fl-Istat Membru jew f'żona tiegħu, u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-programm ta' sorveljanza qabel il-moviment imsemmi fil-paragrafu 1 ikun twettaq fl-istabbiliment għal mill-inqas 24 xahar u, matul dan il-perjodu, ma tkunx ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'animali kaprini miżmuma fl-istabbiliment;
  - (b) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew f'żona tiegħu ħielsa minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fil-popolazzjoni tal-animali bovini tagħhom.
3. Jekk tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'animali kaprini miżmuma fl-istabbiliment, dawn l-animali jistgħu jiġu mċaqilqa lejn Stat Membru ieħor biss meta l-animali kaprini kollha miżmuma fl-istabbiliment li jkollhom aktar minn 6 ġimgħat ikunu ġew ittestjati, b'riżultati negattivi. Dawn it-testijiet iridu jitwettqu fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 42 jum wara t-tneħħija tal-aħħar każ ikkonfermat u tal-aħħar animal li ttestja pożittiv bl-użu ta' metodu dijanjostiku.

## Parti 2

**Rekwiżiti minimi għal programm qabel il-moviment fir-rigward ta' infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (M. bovis, M. caprae u M. tuberculosis) f'animali kamelidi**

1. Il-programm ta' sorveljanza qabel il-moviment għas-sejbien ta' infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fi stabbiliment għall-iskop ta' moviment lejn Stat Membru ieħor ta' animali kamelidi miżmuma kif imsemmi fl-Artikolu 23(1)(e) irid jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
  - (a) spezzjoni post-mortem tal-animali kamelidi skarnati kollha mill-istabbiliment;
  - (b) eżami post-mortem tal-bhejjem mejta tal-animali kamelidi li għandhom aktar minn 9 xhur, sakemm ma jkunx impossibbli għal raġunijiet loġistiċi jew mhux neċessarju għal raġunijiet xjentifiċi;
  - (c) żjara tas-saħħa tal-animali annwali mwettqa minn veterinarju;
  - (d) ittestjar annwali tal-animali kamelidi kollha miżmuma fl-istabbiliment għal skopijiet ta' tgħammir, b'riżultati negattivi.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ittestjar annwali previst fil-punt 1(d) ma hemmx bżonn li jkun meħtieġ jekk l-awtorità kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji, tqis ir-riskju ta' infezzjoni bħala negliġibbli fl-Istat Membru jew f'żona tiegħu, u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-programm ta' sorveljanza qabel il-moviment imsemmi fil-paragrafu 1 ikun twettaq fl-istabbiliment għal mill-inqas 24 xahar u, matul dan il-perjodu, ma tkunx ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali kamelidi miżmuma fl-istabbiliment;
  - (b) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew f'żona tiegħu ħielsa minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fil-popolazzjoni tal-annimali bovini tagħhom;
3. Jekk tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali kamelidi miżmuma fl-istabbiliment, dawn l-annimali jistgħu jiġu mċaqilqa għal Stat Membru ieħor biss meta l-annimali kamelidi kollha miżmuma fl-istabbiliment li jkollhom aktar minn 6 ġimgħat ikunu ġew ittestjati, b'riżultati negattivi. Dawn it-testijiet iridu jitwettqu fuq kampjuni tad-demmi miġbura mhux aktar kmieni minn 42 jum wara t-tneħħija tal-aħħar każ ikkonfermat u tal-aħħar annimal li ttestja pożittiv bl-użu ta' metodu dijanjostiku.

### Parti 3

#### **Rekwiżiti minimi għal programm qabel il-moviment fir-rigward ta' infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali ċervidi**

1. Il-programm ta' sorveljanza qabel il-moviment għas-sejbien ta' infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fi stabbiliment għall-iskop ta' moviment lejn Stat Membru ieħor ta' annimali ċervidi miżmuma kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(e) irid jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
  - (a) spezzjoni post-mortem tal-annimali ċervidi skarnati kollha mill-istabbiliment;
  - (b) eżami post-mortem tal-bhejjem mejta tal-annimali ċervidi li għandhom aktar minn 9 xhur, sakemm ma jkunx impossibbli għal raġunijiet loġistiċi jew mhux neċessarju għal raġunijiet xjentifiċi;
  - (c) żjara tas-saħħa tal-annimali annwali mwettqa minn veterinarju;
  - (d) ittestjar annwali tal-annimali ċervidi miżmuma fl-istabbiliment għal skopijiet ta' tgħammir, b'riżultati negattivi.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-ittestjar annwali previst fil-punt 1(d) ma hemmx bżonn li jkun meħtieġ jekk l-awtorità kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji, tqis ir-riskju ta' infezzjoni bħala negliġibbli fl-Istat Membru jew f'żona tiegħu, u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-programm ta' sorveljanza qabel il-moviment imsemmi fil-paragrafu 1 ikun twettaq fl-istabbiliment għal mill-inqas 24 xahar u, matul dan il-perjodu, ma tkunx ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali ċervidi miżmuma fl-istabbiliment;
  - (b) l-istabbiliment ikun jinsab fi Stat Membru jew f'żona tiegħu ħielsa minn infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) fil-popolazzjoni tal-annimali bovini tagħhom;
3. Jekk tkun ġiet irrapportata infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*) f'annimali ċervidi miżmuma fl-istabbiliment, dawn l-annimali jistgħu jiġu mċaqilqa għal Stat Membru ieħor biss meta l-annimali ċervidi kollha miżmuma fl-istabbiliment li jkollhom aktar minn 6 ġimgħat ikunu ġew ittestjati f'żewġ okkażjonijiet, b'intervall minimu ta' 6 xhur, għal infezzjoni bil-kumpless tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae* u *M. tuberculosis*), b'riżultati negattivi. L-ewwel test irid isir fuq annimali ċervidi jew kampjuni miġbura minn annimali ċervidi mhux aktar kmieni minn 6 xhur wara t-tneħħija tal-aħħar każ ikkonfermat u tal-aħħar annimal li ttestja pożittiv bl-użu ta' metodu dijanjostiku.



## ANNEX III

**REKWIŻITI MINIMI QABEL IL-MOVIMENT FIR-RIGWARD TA' INFEZZJONI BI BRUCELLA ABORTUS, B. MELITENSIS U B SUIJS F'ANIMALI PORĊINI**

1. Il-programm ta' sorveljanza qabel il-moviment għas-sejbien ta' infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fi stabbiliment għall-iskop ta' moviment lejn Stat Membru ieħor ta' annimali porċini miżmuma, kif imsemmi fl-Artikolu 19(1)(f)(ii), irid jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
  - (a) żjara tas-saħħa tal-annimali annwali mwettqa minn veterinarju;
  - (b) jekk l-annimali porċini jinżammu fl-istabbiliment għat-tgħammir, stħarriġ immunoloġiku annwali mwettaq fil-popolazzjoni ta' annimali porċini f'dak l-istabbiliment, bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi elenkati fil-Parti 1(2) tal-Anness I, mill-inqas b'kapaċità li jintwera b'livell ta' kunfidenza ta' 95 % in-nuqqas ta' infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* bi prevalenza fil-mira ta' 10 %.
2. B'deroga mill-punt 1, iż-żjara tas-saħħa tal-annimali msemmija fil-punt 1(a) u l-istħarriġ previst fil-punt 1(b) ma hemmx bżonn li jkunu meħtieġa jekk l-awtorità kompetenti, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskji, tqis ir-riskju ta' infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* bħala negliġibbli fl-Istat Membru jew f'żona tiegħu, u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) ma tkunx ġiet irrapportata infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fil-popolazzjoni ta' annimali porċini miżmuma għall-aħħar ħames snin;
  - (b) ma tkunx ġiet irrapportata infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fil-popolazzjoni ta' annimali selvaġġi tal-ispeċijiet elenkati għall-aħħar 5 snin u, matul dak il-perjodu ta' żmien, ġew inklużi ċ-ċingjali fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira għas-sorveljanza prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
  - (c) l-Istat Membru jew iż-żona tiegħu jkunu ħielsa minn infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fil-popolazzjonijiet ta' annimali bovini, ovini u kaprini tagħhom.
3. Jekk tkun ġiet irrapportata infezzjoni bi *Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* f'annimali porċini miżmuma fl-istabbiliment, dawn l-annimali jistgħu jiġu mċaqilqa għal Stat Membru ieħor biss meta l-annimali porċini kollha miżmuma fl-istabbiliment ikunu ġew soġġetti għal test f'żewġ okkażjonijiet, b'riżultati negattivi. L-ewwel test irid jitwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 3 xhur wara t-tneħħija tal-annimali infettati u tal-annimali li ttestjaw pożittiv bl-użu ta' wieħed mill-metodi dijanjostiċi previsti fil-Parti 1(2) tal-Anness I. It-tieni test irid jitwettaq fuq kampjuni miġbura mhux aktar kmieni minn 6 xhur u mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-ewwel test.

## ANNEX IV

**ITTESTJAR TA' PAPRI U WIZŻ GĦAL INFLUWENZA TAT-TJUR B'PATOĠENIĊITÀ GĦOLJA**

Matul il-ġimgħa qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ, il-papri u l-wiżż għandhom ikunu ttestjaw negattiv f'eżami viroloġiku għal influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja, jew permezz ta' iżolament virali jew inkella permezz ta' ttestjar molekulari f'livell li jagħti 95 % kunfidenza li tinstab infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %.

---

## ANNEX V

**REKWIŻITI GĦALL-ITTESTJAR TA' KONSENJI TA' INQAS MINN 20 TAJRA MINBARRA RATITI JEW INQAS MINN 20 BAJDA GĦAT-TIFQIS TA' POLLAM MINBARRA RATITI**

1. Konsenji ta' inqas minn 20 tajra minbarra ratiti jew inqas minn 20 bajda għat-tifqis ta' pollam minbarra ratiti għandhom ikunu ttestjaw negattiv f'konformità mal-punt 2 għall-aġenti tal-mard li ġejjin għall-ispeċijiet elenkati rilevanti:
  - (a) infezzjoni bis-*Salmonella Pullorum*, bl-*S. Gallinarum* u bl-*S. arizonae*
  - (b) mikoplażmoži tat-tjur (*Mycoplasma gallisepticum* u *M. meleagridis*)
2. Ittestjar:
  - (a) għall-pollam għat-tnissil, il-pollam produttiv u l-pollam maħsuba għall-iskarnar, l-animali għandhom ikunu ttestjaw negattiv f'testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi għall-mard taħt il-punt 1 fi żmien 21 jum qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ;
  - (b) għall-bajd għat-tifqis u l-flieles ta' ġurnata, il-qatgħa tal-orġini għandha tkun ittestjat negattiv f'testijiet seroloġiċi u/jew batterjoloġiċi għall-mard taħt il-punt 1 fi żmien 21 jum qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ f'livell li jagħti 95 % kunfidenza li tinstab infezzjoni bi prevalenza ta' 5 %;
  - (c) jekk l-animali jkunu tlaqqmu kontra infezzjoni bi kwalunkwe serotip ta' *Salmonella* jew *Mikoplażma*, irid jintuża biss ittestjar batterjoloġiku. Il-metodu ta' konferma jrid ikun kapaċi jagħmel differenza bejn razez vaċċinali ħajjin u razez selvatiċi.

## ANNEX VI

**KRITERJI GĦAL VAĊĊINI KONTRA INFEZZJONI BIL-VIRUS TAL-MARDA TA' NEWCASTLE**

Il-vaċċini ħajjin attenwati kontra infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle jridu jiġu ppreparati minn razza ta' virus tal-marda ta' Newcastle li għaliha ż-żerriegħa ewlenija tkun ġiet ittestjata u jkun intwera li għandha indiċi tal-patoġeniċità intraċerebrali (ICPI) ta':

- (a) inqas minn 0,4 jekk jiġu amministrati mhux inqas minn  $10^7$  EID<sub>50</sub> (50 % Doża Infettiva mill-Embrijun) lil kull tajra fit-test tal-ICPI; jew
  - (b) inqas minn 0,5 jekk jiġu amministrati mhux inqas minn  $10^8$  EID<sub>50</sub> lil kull tajra fit-test tal-ICPI.
-

## ANNEX VII

**IL-VALIDITÀ TAT-TILQIM KONTRA R-RABJA UL-MIŻURI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJI GĦAL MARD IEĦOR  
MINBARRA R-RABJA**

## Parti 1

**Il-validità tat-tilqimiet kontra r-rabja għal klieb, qtates, inmsa u karnivori oħrajn**

Ir-reqwiżiti ta' validità għat-tilqim kontra infezzjoni bil-virus tar-rabja msemmija fl-Artikoli 53(b)(i), 55(b)(i) u 58(1)(c) huma daww stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

Meta ma tiġi awtorizzata ebda tilqima kontra r-rabja fi Stat Membru għal karnivori oħrajn minbarra klieb, qtates u inmsa, it-tilqim kontra r-rabja mwettaq f'konformità mal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE irid jitqies bħala validu.

## Parti 2

**Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għal mard ieħor minbarra r-rabja**

1. Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għal infestazzjoni b'*Echinococcus multilocularis* imsemmija fl-Artikoli 53(b)(ii) u 55(b)(ii) huma daww stipulati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 <sup>(2)</sup> flimkien mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 <sup>(3)</sup>.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, it-trattament imsemmi fl-Artikolu 58(1)(d) tal-kanidi, minbarra l-klieb, kontra infestazzjoni b'*Echinococcus multilocularis* irid jitwettaq u jiġi ddokumentat mhux aktar kmieni minn 48 siegħa qabel id-dħul fi Stat Membru jew żona tiegħu elenkata fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/878.
3. Il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji għal mard ieħor minbarra infezzjoni bil-virus tar-rabja u infestazzjoni b'*Echinococcus multilocularis* msemmija fl-Artikoli 53(b)(ii) u 55(b)(ii) huma l-miżuri preventivi tas-saħħa applikabbli għall-ispeċijiet rilevanti ta' karnivori adottati f'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 (ĠUL 178, 28.6.2013, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/772 tal-21 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb, u li jħassar ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1152/2011 (ĠUL 130, 28.5.2018, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/878 tat-18 ta' Ġunju 2018 li jadotta l-lista tal-Istati Membri, jew partijiet tat-territorju tal-Istati Membri, li jikkonformaw mar-regoli għall-kategorizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/772 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji preventivi għall-kontroll tal-infezzjoni *Echinococcus multilocularis* fil-klieb (ĠUL 155, 19.6.2018, p. 1).

## ANNEX VIII

## INFORMAZZJONI LI GĦANDU JKUN HEMM FIĊ-ĊERTIFIKATI U N-NOTIFIKI TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI

## Parti 1

**Informazzjoni li għandu jkun hemm fiċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għal annimali terrestri u bajd għat-tifqis imċaqilqa lejn Stat Membru ieħor**

1. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-annimali terrestri miżmuma msemija fl-Artikolu 143(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u fl-Artikolu 71(1) ta' dan ir-Regolament imċaqilqa lejn Stat Membru ieħor irid ikun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) l-isem u l-indirizz tal-konsenjatur u tal-konsenjatarju;
  - (b) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-dispaċċ, u
    - (i) meta l-istabbiliment tad-dispaċċ ikun stabbiliment approvat, in-numru ta' approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment; jew
    - (ii) meta l-istabbiliment tad-dispaċċ ikun stabbiliment irregiŕtrat, in-numru ta' regiŕtrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment;
  - (c) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, u
    - (i) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment approvat, in-numru ta' approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment; jew
    - (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irregiŕtrat, in-numru ta' regiŕtrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment;
  - (d) l-ispeċijiet u l-kategorija tal-annimali u l-identifikazzjoni, fejn meħtieġa;
  - (e) informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u garanziji addizzjonali fir-rigward ta':
    - (i) l-Istat Membru jew iż-żona tal-orijini;
    - (ii) l-istabbiliment u l-qatgħa tal-orijini tal-annimali, inklużi r-riżultati tat-testijiet, fejn applikabbli;
    - (iii) l-annimali li għandhom jintbagħtu, inklużi r-riżultati tat-testijiet jew it-tilqimiet, fejn applikabbli;
  - (f) id-data u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, l-isem, il-kapaċità u l-firma tal-veterinarju uffiċjali, kif ukoll it-timbru tal-awtorità kompetenti tal-post tal-orijini tal-konsenja.
2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-bajd għat-tifqis imsemija fl-Artikolu 161(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 u fl-Artikolu 72 ta' dan ir-Regolament imċaqilqa lejn Stat Membru ieħor irid ikun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) l-isem u l-indirizz tal-konsenjatur u tal-konsenjatarju;
  - (b) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-dispaċċ, u
    - (i) meta l-istabbiliment tad-dispaċċ ikun stabbiliment approvat, in-numru ta' approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment; jew
    - (ii) meta l-istabbiliment tad-dispaċċ ikun stabbiliment irregiŕtrat, in-numru ta' regiŕtrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment;
  - (c) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni; u
    - (i) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment approvat, in-numru ta' approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment; jew
    - (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irregiŕtrat, in-numru ta' regiŕtrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment;
  - (d) il-kategorija ta' bajd għat-tifqis;

- (e) informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-bajd għat-tifqis;
    - (i) l-ispeċi u l-identifikazzjoni, fejn meħtieġa, tal-annimali minn fejn joriġinaw;
    - (ii) il-marki applikati fuq il-bajd għat-tifqis, fejn ikunu meħtieġa;
    - (iii) il-post u d-data tal-ġbir tagħhom;
  - (f) informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u garanziji addizzjonali fir-rigward ta':
    - (i) l-Istat Membru jew iż-żona tal-orijini tiegħu;
    - (ii) l-istabbiliment u l-qatgħa tal-orijini, inklużi r-riżultati tat-testijiet, fejn applikabbli;
    - (iii) l-annimali li minnhom inġabar il-bajd għat-tifqis, inklużi r-riżultati tat-testijiet, fejn applikabbli;
    - (iv) il-bajd għat-tifqis li għandu jintbagħat;
  - (g) id-data u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u l-isem, il-kapaċità u l-firma tal-veterinarju uffiċjali, kif ukoll it-timbru tal-awtorità kompetenti tal-post tal-orijini tal-konsenja.
3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għall-annimali terrestri selvaġġi msemmija fl-Artikolu 155(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429 imċaqilqa lejn Stat Membru ieħor irid ikun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
- (a) l-isem u l-indirizz tal-konsenjatur u tal-konsenjatarju;
  - (b) il-post fejn l-annimali jkunu nqabdu u tgħabbew sabiex jintbagħtu;
  - (c) il-post tad-destinazzjoni; u
    - (i) fejn il-post tad-destinazzjoni jkun il-habitat, il-post fejn l-annimali huma maħsuba li jinħattu; jew
    - (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irregiŋtrat, in-numru ta' regiŋtrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment;
  - (d) l-ispeċi u l-kategorija tal-annimali;
  - (e) id-data u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, l-isem, il-kapaċità u l-firma tal-veterinarju uffiċjali, kif ukoll it-timbru tal-awtorità kompetenti tal-post tal-orijini tal-konsenja.

## Parti 2

### **Informazzjoni fin-notifika tal-movimenti għal ċerti annimali terrestri li għalihom mhuwiex meħtieġ ċertifikat tas-saħħa tal-annimali**

In-notifika għall-moviment tan-naħal bagħli minn stabbilimenti tal-produzzjoni ambjentalment iżolati approvati lejn Stat Membru ieħor irid ikun fiha mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-konsenjatur u tal-konsenjatarju;
  - (b) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' approvazzjoni uniku tal-istabbiliment tad-dispaċċ;
  - (c) l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-destinazzjoni, u
    - (i) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment approvat, in-numru ta' approvazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment; jew
    - (ii) meta l-istabbiliment tad-destinazzjoni jkun stabbiliment irregiŋtrat, in-numru ta' regiŋtrazzjoni uniku ta' dak l-istabbiliment;
  - (d) l-ispeċi, il-kategorija u l-kwantità u d-daqs tal-kolonji;
  - (e) id-data tad-dispaċċ.
-